Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 1 ta' Ġunju 2017**
**(OR. en)**

**9845/17**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2017/0102 (COD)**

**JEUN 82**
**EDUC 279**
**EMPL 349**
**SOC 452**
**SPORT 43**
**COHAFA 43**
**PROCIV 52**
**COMPET 463**
**ECOFIN 479**

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 31 ta' Mejju 2017 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2017) 262 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2017) 262 final.

Mehmuż: COM(2017) 262 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.5.2017
COM(2017) 262 final

2017/0102 (COD)

Proposta għal

# REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE

{SWD(2017) 166 final}
{SWD(2017) 167 final}
{SWD(2017) 168 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha**

L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq is-solidarjetà, valur kondiviż li jinħass ħafna fi ħdan is-soċjetà Ewropea. Is-solidarjetà tiddefinixxi l-proġett Ewropew u tipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati kriżijiet attwali u futuri billi tinżamm bażi morali b'saħħitha. Is-solidarjetà tipprovdi wkoll direzzjoni ċara li tiggwida liż-żgħażagħ Ewropej fl-aspirazzjonijiet tagħhom għal Unjoni aħjar. Fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma, fl-okkażjoni tas-60 anniversarju tat-Trattat ta' Ruma, il-mexxejja ta' 27 Stat Membru u tal-Kunsill Ewropew, tal-Parlament Ewropew u tal-Kummissjoni Ewropea tennew l-impenn tagħhom li jsaħħu l-unità u s-solidarjetà biex tiżdied is-saħħa u r-reżiljenza tal-Unjoni Ewropea[1].

Fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2016 ġie enfasizzat il-bżonn li ninvestu fiż-żgħażagħ u ġiet imħabbra l-idea ta' Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jinħolqu opportunitajiet għaż-żgħażagħ madwar l-Unjoni Ewropea biex dawn jagħmlu kontribuzzjoni sinifikattiva għas-soċjetà, juru solidarjetà u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, u b'hekk "mhux biss jiksbu esperjenza ta' xogħol iżda wkoll esperjenza umana imprezzabbli". Is-Summit ta' Bratislava tas-16 ta' Settembru 2016 sejjaħ għal momentum politiku msaħħaħ biex jingħata appoġġ liż-żgħażagħ Ewropej u biex jiġu stabbiliti programmi ġodda tal-UE biex jitjiebu l-opportunitajiet għalihom. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tas-7 ta' Diċembru 2016[2] nediet l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tenniet il-mira li sal-2020 jkun hemm 100 000 żagħżugħ Ewropew li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Matul din il-fażi inizjali, ġew immobilizzati tmien programmi differenti tal-UE[3] biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi liż-żgħażagħ tal-UE.

Din il-proposta twieġeb ukoll għas-sejħa tal-Kunsill Ewropew fil-Konklużjonijiet tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2016 biex isir progress fil-ħidma tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà[4], u dan huwa waħda mill-inizjattivi ta' prijorità li huma inklużi fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2017[5], li fiha l-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni impenjaw ruħhom li jissimplifikaw l-isforzi mwettqa mill-Istituzzjonijiet tagħhom biex jiżguraw li jsir progress leġiżlattiv veloċi fuq l-inizjattivi ta' prijorità bl-għan li jitwettqu qabel tmiem l-2017.

Din il-proposta tipprovdi l-qafas legali għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jiġu offruti opportunitajiet għaż-żgħażagħ bl-għan li jkunu involuti f'attivitajiet ta' solidarjetà, li se

---

1 http://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2017/03/25-rome-declaration/

2 Il-Kummissjoni Ewropea (2016), il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2016) 942 final tas-7.12.2016.

3 Il-programm Erasmus+, il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EaSI), il-programm LIFE, il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Programm tas-Saħħa, il-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini", il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (permezz ta' Interreg) u l-Fond Agrikolu għall-Iżvilupp Rurali.

4 http://www.consilium.europa.eu/mt/meetings/european-council/2016/12/20161215-euco-conclusions-final_pdf/

5 "Unjoni li tagħti riżultati aħjar u aktar malajr: Tliet Istituzzjonijiet jiffirmaw id-Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-prijoritajiet leġiżlattivi tal-UE għall-2017", IP/16/4360.

jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, filwaqt li ssaħħaħ l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali taż-żgħażagħ. Fit-tiswir ta' din il-proposta, il-Kummissjoni qieset l-evidenza u s-sejbiet misjuba permezz tal-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanjaha, kif ukoll il-fehmiet u s-suġġerimenti li ġabret permezz ta' proċess estensiv ta' konsultazzjoni miftuħa, kif deskritt f'iktar dettall fit-taqsimiet rilevanti iktar 'il quddiem. Din il-ħidma preparatorja għenet biex jiġu identifikati d-diskrepanzi li ġejjin li din il-proposta għandha l-għan li tindirizza:

Hemm ħafna żgħażagħ li jixtiequ jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà u, fl-istess ħin, hemm ħafna ħtiġijiet mhux issodisfati fil-komunitajiet li jistgħu jiġu indirizzati aħjar bis-saħħa tal-involviment taż-żgħażagħ fl-attivitajiet ta' solidarjetà. Hemm domanda mhux sfruttata minn ħafna organizzazzjonijiet għal żgħażagħ motivati biex jappoġġjawhom fl-isforzi tagħhom; jekk jiġu appoġġjati, dawn l-organizzazzjonijiet ikunu jistgħu joffru saħansitra iktar lill-komunitajiet. Madankollu, hemm nuqqasijiet fit-tlaqqigħ tal-provvista mad-domanda u ostakli relatati mad-disponibilità tar-riżorsi, biex tkun żgurata l-kwalità, kif ukoll diversi aspetti legali.

L-isfidi ewlenin f'dan il-qasam jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

– fl-aħħar deċennji, is-soċjetà tagħna ma investietx biżżejjed fl-għoti tas-setgħa liż-żgħażagħ Ewropej biex jinvolvu ruħhom b'mod attiv f'attivitajiet ta' solidarjetà, la bħala volontarji u lanqas permezz ta' attivitajiet okkupazzjonali. Wara l-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, l-ekonomija tal-UE issa reġgħet qabdet b'mod stabbli, iżda l-irkupru għad mhuwiex distribwit b'mod ekwu fi ħdan is-soċjetà u r-reġjuni u l-isfida hija partikolarment akuta għall-ġenerazzjoni żagħżugħa. L-attivitajiet ta' solidarjetà għandhom il-potenzjal konkret li jimmobilizzaw liż-żgħażagħ għal kawżi pożittivi u jgħinuhom jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li se jkollhom bżonn għall-iżvilupp personali, soċjoedukattiv, professjonali u ċiviku tagħhom. Dan jgħodd għaż-żgħażagħ kollha, inklużi dawk li ġejjin minn sfondi żvantaġġati. L-inkoraġġiment favur l-involviment ta' dawk iż-żgħażagħ f'attivitajiet ta' solidarjetà huwa kwistjoni speċifika li jeħtieġ li tiġi kkunsidrata f'dan il-kuntest ukoll;

– l-indirizzar tas-solidarjetà u l-bini ta' koeżjoni soċjali, ekonomika u ċivika jeħtieġu bażi rikka ta' organizzazzjonijiet dinamiċi (privati u pubbliċi, bi skop ta' qligħ jew mingħajr). F'dan il-kuntest, hemm il-ħtieġa li naħsbu aħjar għall-ħtiġijiet ta' dawn l-organizzazzjonijiet, speċjalment ta' dawk li jaħdmu fil-livell lokali mal-aktar komunitajiet żvantaġġati. L-organizzazzjonijiet li joħolqu u joffru kollokamenti ta' solidarjetà jeħtieġu l-appoġġ, f'termini ta' riżorsi, billi jiġu żgurati t-taħriġ u l-preparazzjoni xierqa għall-voluntiera, għall-persuni f'taħriġ jew għall-ħaddiema kif ukoll li jkunu attivi f'kuntest Ewropew. L-organizzazzjonijiet jeħtieġu regoli ċari u sempliċi wkoll;

– is-sitwazzjoni attwali ta' opportunitajiet ta' solidarjetà – kemm f'perspettiva okkupazzjonali jew inkella ta' volontarjat – hija pjuttost frammentata madwar l-UE. Fejn hemm l-opportunitajiet, ta' spiss ikun hemm nuqqas ta' sensibilizzazzjoni. Il-frammentazzjoni twassal ukoll għal nuqqasijiet fir-rigward tal-fehim, id-dokumentazzjoni u l-validazzjoni ta' dak li tgħallmu ż-żgħażagħ mill-involviment f'azzjoni ta' solidarjetà partikolari.

Fin-nuqqas ta' miżuri li jlaqqgħu flimkien lill-organizzazzjonijiet u liż-żgħażagħ fir-rigward tas-solidarjetà, hemm riskju li jibqa' ma jiġix sfruttat potenzjal importanti għall-attivitajiet ta'

solidarjetà, u b'hekk jirriżulta f'telf bla bżonn tal-benessri għall-organizzazzjonijiet, għaż-żgħażagħ u għas-soċjetà inġenerali.

F'dan l-isfond, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu l-għan li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà li huma ta' kwalità għolja u aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, bħala mezz biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fl-Ewropa, fejn jappoġġja l-komunitajiet u jwieġeb għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà. Biex jilħaq dan l-objettiv ġenerali, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jipprovdi liż-żgħażagħ b'opportunitajiet faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom fil-volontarjat, fi traineeships jew f'impjiegi f'setturi relatati mas-solidarjetà, kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjetà fuq l-inizjattiva tagħhom stess, li wkoll għandhom jikkontribwixxu għall-ħiliet u għall-kompetenzi tagħhom għall-iżvilupp personali, soċjali u professjonali tagħhom, kif ukoll għall-impjegabbiltà tagħhom. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jappoġġja wkoll l-attivitajiet ta' netwerking għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bl-għan li jrawmu spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u sens ta' appartenenza għal komunità usa' impenjata favur is-solidarjetà, kif ukoll li jħeġġu l-iskambju ta' prattiki u ta' esperjenzi siewja. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jkollu wkoll l-għan li jiżgura li l-attivitajiet ta' solidarjetà offruti lill-parteċipanti żgħażagħ[6] jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-isfidi konkreti tas-soċjetà u għat-tisħiħ tal-komunitajiet, li jkunu ta' kwalità għolja u li l-eżiti tat-tagħlim li jirriżultaw mill-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ f'dawk l-attivitajiet ikunu vvalidati kif xieraq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija parti mis-sett usa' ta' inizjattivi msejħa "Ninvestu fiż-Żgħażagħ tal-Ewropa" mnedija fis-7 ta' Diċembru 2016. Din tħeġġeġ il-proċediment tal-introduzzjoni madwar l-Ewropa tal-politiki kollha tal-UE dwar iż-żgħażagħ, b'mod partikolari l-Istrateġija Ewropea għaż-Żgħażagħ, il-Garanzija għaż-Żgħażagħ, u l-Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa, li lkoll ikopru firxa wiesgħa ta' azzjonijiet b'appoġġ taż-żgħażagħ, mill-edukazzjoni informali u l-volontarjat, sat-taħriġ vokazzjonali u l-impjiegi. L-għan huwa li jitjiebu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ billi jiżdiedu b'mod sostanzjali l-kwalità tagħhom u l-eżiti mistennija tagħhom.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jibbaża fuq it-tradizzjoni u l-esperjenzi rikki u estensivi tal-Istati Membri f'attivitajiet li jservu l-interess pubbliku, eż. permezz tal-volontarjat. Ċerti Stati Membri jħaddmu programmi nazzjonali tas-servizz ċiviku li joffru liż-żgħażagħ il-possibbiltà li jinvolvu ruħhom, oħrajn jiffaċilitaw l-attivitajiet imwettqa mis-soċjetà ċivili.

Fil-livell tal-UE, is-Servizz Volontarju Ewropew (SVE) ipprovda opportunitajiet ta' volontarjat għaż-żgħażagħ għal 20 sena, u politiki u programmi bħall-Garanzija għaż-Żgħażagħ u "L-ewwel impjieg EURES tiegħek" qed jgħinu liż-żgħażagħ jidħlu għal traineeships u impjiegi. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jkompli jibni fuq il-karatteristiċi t-tajbin u l-esperjenzi ta' dawn l-inizjattivi, u b'hekk se jibbenefika minn bażi solida u eżistenti filwaqt li jespandiha biex joffri opportunitajiet ġodda, viżibilità akbar u impatt imsaħħaħ. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se joffri opportunitajiet ġodda li mhumiex appoġġjati mill-programmi attwali, filwaqt li jissimplifika l-aċċess kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se joffri punt ta' dħul uniku u faċilment aċċessibbli permezz tal-Portal tiegħu, u se jipprova jilħaq l-akbar għadd ta' organizzazzjonijiet parteċipanti u ta' żgħażagħ involuti. Se jiżviluppa u jsaħħaħ ukoll it-taħriġ

[6] Il-Parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' residenza fil-pajjiż ospitanti f'konformità mad-dritt tal-UE.

disponibbli qabel kollokament, kif ukoll l-appoġġ rilevanti u l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim wara l-kollokament.

Biex tiġi żgurata l-kontinwità fir-rigward tal-attivitajiet ta' volontarjat appoġġjati fil-livell tal-UE, dawk l-attivitajiet li ġew appoġġjati mis-Servizz Volontarju Ewropew u li jaqgħu taħt l-ambitu ġeografiku tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jiġu appoġġjati minn dan tal-aħħar fil-forma ta' kollokamenti transfruntiera ta' volontarjat. B'mod parallel, attivitajiet oħra tas-Servizz Volontarju Ewropew li ma jaqgħux taħt l-ambitu ġeografiku tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jkomplu jingħataw appoġġ mill-Programm stabbilit mir-Regolament (UE) Nru 1288/2013[7]. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata fil-livell tal-Unjoni, il-proposta tinkludi dispożizzjonijiet biex tiżgura li kemm il-kollokamenti transfruntiera għall-volontarjat skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll l-attivitajiet ta' volontarjat li se jibqgħu jiġu appoġġjati skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 se jitqiesu li huma ekwivalenti għal dawk imwettqa skont is-Servizz Volontarju Ewropew.

Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jagħmel użu massimu tal-arranġamenti ta' ġestjoni eżistenti li diġà jinsabu fis-seħħ. Dan se jippermetti li ssir enfasi fuq il-kisba tal-aqwa riżultati u prestazzjoni possibbli filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Għal din ir-raġuni, l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se tkun f'idejn l-istrutturi eżistenti, jiġifieri lill-Kummissjoni Ewropea, anki permezz tal-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA), u lill-Aġenziji Nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu dwar iż-Żgħażagħ tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li jistabbilixxi l-Programm Erasmus+.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jkunu konsistenti u komplimentarji ma' firxa ta' politiki u ta' programmi rilevanti tal-UE, b'mod partikolari, iżda mhux limitata għal, dawk relatati mal-edukazzjoni u mat-taħriġ, mal-impjiegi, mal-ugwaljanza bejn is-sessi, mal-intraprenditorija (b'mod partikolari mal-intraprenditorija soċjali), maċ-ċittadinanza[8] u mal-parteċipazzjoni demokratika, mal-ħarsien tal-ambjent u tan-natura, mal-azzjoni klimatika, mal-prevenzjoni ta' diżastri, mat-tħejjija u l-irkupru, mal-agrikoltura u mal-iżvilupp rurali, mal-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, mas-saħħa u mal-benessri, mal-kreattività u mal-kultura, mal-edukazzjoni fiżika u mal-isport, mal-assistenza soċjali u mas-servizzi soċjali, mal-akkoljenza u mal-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, mal-kooperazzjoni territorjali u mal-koeżjoni.

Fl-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mnedija f'Diċembru tal-2016, ġew immobilizzati tmien programmi differenti tal-UE biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi liż-żgħażagħ tal-UE. Dawn l-attivitajiet, kemm jekk implimentati qabel jew inkella wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost, se jkomplu japplikaw ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-programmi rispettivi tal-UE li ffinanzjawhom matul l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

---

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

[8] Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa prijorità għall-Kummissjoni fir-Rapport tagħha dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2017, COM(2017) 30 final/2 tal-31.01.2017.

Għat-tieni fażi li tibda bid-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost, diversi programmi tal-UE se jkunu qed jikkontribwixxu għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Uħud minnhom[9] se jagħmlu dan permezz ta' kontribuzzjonijiet fil-pakkett finanzjarju tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà (kif spjegat iktar fit-Taqsima 4); oħrajn[10] jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà billi jappoġġjaw attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Din il-kontribuzzjoni se tiġi ffinanzjata skont l-atti bażiċi rispettivi tal-programmi kkonċernati.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi ġuridika

L-iskop predominanti ta' din il-proposta huwa li tipprovdi opportunitajiet għaż-żgħażagħ biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, inklużi volontarjat, traineeships, impjiegi kif ukoll proġetti żviluppati minn żgħażagħ fuq inizjattiva tagħhom stess, li se jkollhom komponent importanti ta' tagħlim għall-benefiċċju tal-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali taż-żgħażagħ. F'konformità ma' dan, il-kontenut ta' din il-proposta jiffoka fuq l-inkoraġġiment tal-mobilità, l-involviment attiv, l-edukazzjoni mhux formali u t-taħriġ vokazzjonali taż-żgħażagħ. Dan se jikkontribwixxi wkoll għat-titjib tal-impjegabbiltà tagħhom u jiffaċilita t-tranżizzjoni għal impjiegi regolari.

F'dak ir-rigward, il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 165(4) u 166(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 165(4) jippermetti li titwettaq azzjoni tal-UE li għandha bħala għan "*l-inkoraġġiment tal-iżvilupp ta' skambji fost iż-żgħażagħ (...) u l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ fil-ħajja demokratika tal-Ewropa*". L-azzjoni mill-Unjoni bbażata fuq l-Artikolu 166(4) tirrappreżenta bażi ġuridika xierqa għal att bħal din il-proposta li għandha l-għan li "*ittejjeb il-formazzjoni vokazzjonali inizjali u kontinwu sabiex tħaffef l-integrazzjoni u r-re-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol*" u "*tħaffef l-aċċess għall-formazzjoni vokazzjonali u tinkoraġġixxi l-mobilità tal-edukaturi u ta' min ikun qiegħed jitħarreġ u partikolarment taż-żgħażagħ*".

### • Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Fid-dawl tal-iskala Ewropea tal-objettivi proposti – għall-mobilizzazzjoni taż-żgħażagħ għal kawżi ta' solidarjetà madwar l-Unjoni Ewropea – xieraq li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE. L-UE għandha rwol x'taqdi fl-appoġġ għal approċċ favur s-solidarjetà fl-Ewropa kollha. L-azzjoni tal-UE, permezz tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, mhix se tieħu post azzjonijiet simili mill-Istati Membri, iżda se sservi biex tikkomplimentahom u tappoġġjahom, bir-rispett sħiħ tal-prinċipju tas-sussidjarjetà. Filwaqt li hemm tradizzjonijiet fl-Istati Membri kollha għat-tmexxija ta' programmi u ta' strumenti li jappoġġjaw attivitajiet li jaqdu l-interess pubbliku, b'mod partikolari permezz tal-volontarjat, dawn huma kemxejn differenti, b'uħud mill-pajjiżi li jippreferu intervent mill-Istat, u oħrajn li jħallu s-soċjetà ċivili tieħu r-rwol ta' mexxej. Hemm ukoll kunċetti u konnotazzjonijiet differenti tal-attivitajiet ta' solidarjetà u tal-

[9] Il-programm Erasmus+, il-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-programm LIFE, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

[10] bħal, iżda mhux limitati għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, għall-programm "L-Ewropa għaċ-ċittadini", għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, għall-programm tas-Saħħa.

volontarjat, u t-tipi ta' attivitajiet huma differenti fil-kontenut u fid-durata. Barra minn hekk, hemm perċezzjonijiet kemxejn differenti ta' kif il-protezzjoni soċjali tirrelata mal-volontarjat, kif ukoll ma' diversi gradi ta' status legali, ta' tagħlim u ta' rikonoxximent. Dan kollu jwassal għal frammentazzjoni fil-livell tal-UE, li jfisser li ż-żgħażagħ fl-UE ma għandhomx l-istess aċċess għall-opportunitajiet offruti.

L-azzjoni tal-UE permezz tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-ħtieġa li tingħeleb din il-frammentazzjoni, kif evidenzjat mill-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanja din il-proposta. Fl-istess ħin, se tkun okkażjoni biex nibnu fuq it-tagħlimiet miksuba mill-varjetà ta' esperjenzi madwar l-Istati Membri, filwaqt li jissaħħaħ il-volontarjat f'dawk l-Istati Membri fejn bħalissa huwa inqas prevalenti, kif issuġġerit mill-partijiet ikkonċernati li ġew ikkonsultati matul il-preparazzjoni ta' din il-proposta. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jikkomplimenta l-politiki, il-programmi u l-attivitajiet pubbliċi u privati eżistenti, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll dak Ewropew. Bl-applikazzjoni ta' għadd ta' salvagwardji tal-kwalità bħall-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, it-tikketta tal-kwalità għall-organizzazzjonijiet parteċipanti u l-prinċipji spjegati fil-Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jistgħu jgħinu biex jitjiebu l-kwalità ta' diversi kollokamenti għaż-żgħażagħ tal-UE kif ukoll il-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom.

Barra minn hekk, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se joffri punt ta' dħul uniku għall-kollokamenti ta' solidarjetà volontarji u okkupazzjonali ta' kwalità għolja għaż-żgħażagħ fl-UE kollha, filwaqt li bħalissa dawn huma aċċessibbli biss permezz ta' skemi varji. Għaldaqstant, se jiżgura li ż-żgħażagħ interessati kollha tal-UE jkollhom opportunitajiet indaqs biex jissieħbu u jkollhom aċċess aktar faċli għal firxa usa' ta' attivitajiet. Il-ġbir tat-tipi differenti ta' kollokamenti taħt marka waħda jista' jgħin ukoll biex jitjiebu s-sensibilizzazzjoni dwar l-opportunitajiet disponibbli għaż-żgħażagħ kif ukoll il-viżibilità tagħhom.

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se joffri kemm kollokamenti li jistgħu jitwettqu f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż ta' residenza tal-parteċipanti (transfruntiera) kif ukoll kollokamenti li jistgħu jitwettqu fil-pajjiż ta' residenza tal-parteċipanti (fil-pajjiż). Din il-flessibbiltà hija konformi mal-proposti riċevuti mingħand il-partijiet ikkonċernati. F'dak li għandu x'jaqsam mal-kollokamenti transfruntiera, speċjalment fid-dawl tal-frammentazzjoni fl-istrutturi u fil-programmi li joffru volontarjat u traineeships kif ukoll fid-dawl tad-diversità fil-fehim u fil-kunċetti tas-settur li joffri attivitajiet ta' solidarjetà, l-azzjoni mill-Istati Membri individwali ma tistax tieħu post l-azzjoni tal-UE. F'dak li għandu x'jaqsam ma' kollokamenti fil-pajjiż, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jista' jkun mistenni li jieħu bixra innovattiva, filwaqt li jgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi lokali jew nazzjonali minn perspettiva Ewropea usa'. B'mod partikolari, l-azzjoni tal-UE tista' tgħin biex tingħeleb il-frammentazzjoni fl-offerta tal-kollokamenti u tiżgura l-inklużività għaż-żgħażagħ kollha, inklużi dawk li jaffaċċjaw ostakli għall-involviment f'attivitajiet internazzjonali. Tista' toffri wkoll kuntest Ewropew u tgħin biex jinstabu soluzzjonijiet Ewropej għal sfidi speċifiċi li mhumiex limitati għall-fruntieri nazzjonali.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, l-użu tal-istrutturi eżistenti li wrew li huma effiċjenti u effikaċi se jiżgura l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll sinerġiji u komplimentarjetajiet mal-azzjonijiet tal-Istati Membri favur iż-żgħażagħ.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tindirizza diskrepanzi identifikati fl-offerta ta' opportunitajiet faċilment aċċessibbli għall-involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà għaż-żgħażagħ u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu l-objettivi tagħha.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument propost huwa Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

## 3. IR-RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Biex jitħejjew din il-proposta u l-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanjaha, saret konsultazzjoni f'livelli dfferenti inkluża firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati kif ukoll ċittadini individwali, amministrazzjonijiet pubbliċi, u istituzzjonijiet u korpi oħra tal-UE (jiġifieri l-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali).

Saret konsultazzjoni pubblika online li damet għaddejja tmien ġimgħat, u waslu 660 tweġiba u 82 dokument ta' pożizzjoni. Il-konsultazzjoni tqiegħdet għad-dispożizzjoni fit-23 lingwa uffiċjali tal-UE u ġew aċċettati tweġibiet b'dawn il-lingwi kollha. Barra minn hekk, fit-12 ta' April 2017 ġie organizzat forum kbir għall-partijiet ikkonċernati b'700 parteċipant u ġew organizzati konsultazzjonijiet immirati mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati ewlenin (inklużi organizzazzjonijiet ta' volontarjat, organizzazzjonijiet ta' solidarjetà, rappreżentanti taż-żgħażagħ, Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi u koordinaturi tal-EURES, koordinaturi tal-Garanzija għaż-Żgħażagħ, sħab soċjali, kumpaniji, benefiċjarji tal-programmi u partijiet ikkonċernati tal-programmi, inklużi awtoritajiet nazzjonali u aġenziji nazzjonali tal-Programm Erasmus+).

Ħarsa ġenerali dettaljata lejn il-proċess ta' konsultazzjoni hija mehmuża mal-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanja din il-proposta. L-elementi ewlenin li jirriżultaw minn dawn il-konsultazzjonijiet huma miġbura fil-qosor hawn taħt.

Fil-qosor, il-partijiet ikkonċernati li ħadu sehem fil-konsultazzjonijiet esprimew **apprezzament ġenerali** tal-viżibilità u tar-rikonoxximent politiku mogħtija lill-involviment taż-żgħażagħ fis-solidarjetà. Laqgħu l-**opportunitajiet il-ġodda** għaż-żgħażagħ biex issir bidla bis-saħħa tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Saħqu dwar il-**potenzjal** tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex irawwem l-integrazzjoni, is-solidarjetà inter-Ewropea u interġenerazzjonali u biex jippromwovi valuri komuni. Madanakollu, enfasizzaw **il-ħtieġa ta' finanzjament addizzjonali** biex jiġi żgurat approċċ **inklużiv**, li jippermetti liż-żgħażagħ li jkunu ġejjin minn sfondi żvantaġġati u lill-organizzazzjonijiet żgħar jieħdu sehem ukoll f'kollokamenti ta' **kwalità**, filwaqt li jkomplu jibnu fuq **l-istrutturi eżistenti**.

B'mod iktar speċifiku, waħda mill-kwistjonijiet ewlenin enfasizzata mill-partijiet ikkonċernati kienet il-ħtieġa ta' approċċ **inklużiv**. Fil-fatt, ħafna partijiet ikkonċernati semmew b'mod speċifiku l-ħtieġa ta' enfasi speċjali fuq l-inklużività għaż-żgħażagħ kollha, inklużi dawk minn sfondi żvantaġġati u b'inqas opportunitajiet.

Il-partijiet ikkonċernati saħqu li jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà **jiffoka** saħansitra iktar **fuq is-solidarjetà** meta mqabbel mal-programmi eżistenti b'definizzjoni ċara tal-"attivitajiet ta' solidarjetà". Il-partijiet ikkonċernati għarfu li l-attivitajiet fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jistgħu jikkontribwixxu għall-**iżvilupp tal-ħiliet u tal-kompetenzi**, u b'hekk jappoġġjaw it-tagħlim mhux formali u informali kif ukoll l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. L-organizzazzjonijiet saħqu wkoll dwar il-ħtieġa li jitħarrġu l-voluntiera u wħud minnhom semmew ukoll il-bżonn li jinħareġ ċertifikat għall-voluntiera.

**Id-duplikazzjoni** possibbli **ma' programmi eżistenti** u **n-nuqqas ta' finanzjament** kienu fost it-tħassib ewlieni espress mill-partijiet ikkonċernati. Ħafna talbu baġit separat għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati saħqet li biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet attwali u futuri, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kien jeħtieġ li jiġi pprovdut b'fondi addizzjonali suffiċjenti minbarra r-riżorsi disponibbli mill-programmi eżistenti. Il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati talbet ukoll distinzjoni ċara bejn l-attivitajiet ta' volontarjat u okkupazzjonali biex jiġi evitat xogħol prekarju jew xogħol mhux bi ħlas, bħalma jista' jiġri jekk il-persuni f'taħriġ u l-impjegati jiġu sostitwiti minn voluntiera.

F'termini tal-**implimentazzjoni**, il-partijiet ikkonċernati saħqu li jenħtieġ li din għandha tkun effiċjenti u effettiva biex jiġi evitat piż amministrattiv żejjed għaż-żgħażagħ u għall-organizzazzjonijiet. Huma saħqu wkoll dwar l-importanza li jiġu żgurati **standards ta' kwalità għolja** kif ukoll li **nibnu fuq sinerġiji u fuq esperjenza** miksuba minn skemi eżistenti li jaħdmu kif xieraq, bħas-Servizz Volontarju Ewropew. Il-partijiet ikkonċernati enfasizzaw ukoll il-bżonn li ssir diviżjoni ċara tar-rwoli u tal-kompetenzi fost il-korpi ta' implimentazzjoni, li jiġu ċċarati r-regoli għall-akkreditament tal-organizzazzjonijiet, li jkun hemm għodda xierqa tat-tlaqqigħ bejn l-organizzazzjonijiet u l-voluntiera u sistema ta' appoġġ ta' kwalità għolja għall-parteċipanti bħala fatturi importanti biex jintlaħaq dan l-għan.

F'dak li għandu x'jaqsam mal-**ambitu ġeografiku**, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati sostniet li trid tiġi żgurata l-konsistenza mal-kundizzjonijiet tal-programmi eżistenti. Il-partijiet ikkonċernati appoġġjaw il-possibbiltà proposta li jitrawmu attivitajiet ta' solidarjetà fil-livell lokali minbarra l-opportunitajiet transfruntiera u huma rrikonoxxew li dawn jistgħu jagħmlu l-parteċipazzjoni eħfef għaż-żgħażagħ żvantaġġati. Madankollu, diversi partijiet ikkonċernati saħqu dwar il-bżonn ta' kooperazzjoni u ta' koordinazzjoni mal-gvernijiet lokali u mal-komunitajiet lokali biex tiġi żgurata l-komplementarjetà mal-programmi eżistenti.

Il-proposta għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-parti l-kbira tirrifletti l-fehmiet u r-rakkomandazzjonijiet miġbura matul il-konsultazzjonijiet. F'konformità ma' dawk, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se joffri **opportunitajiet ġodda aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha** b'enfasi ikbar fuq l-indirizzar tal-ħtiġijiet ta' solidarjetà u fuq l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ żvantaġġati, inkluż billi jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju addizzjonali meta dan ikun rilevanti. Dan se jagħmel ukoll enfasi speċjali fuq l-iżgurar **tar-rilevanza u tal-kwalità** tal-attivitajiet li se jingħataw appoġġ. Se jiġu offruti miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ lill-parteċipanti, bħall-assigurazzjoni, l-appoġġ lingwistiku online, it-taħriġ online ġenerali u t-taħriġ speċifiku, u ċertifikat tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-kwalità se tapplika wkoll għall-organizzazzjonijiet li lesti li joffru kollokamenti skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Għal dan l-għan, u f'konformità mas-suġġerimenti miġbura matul il-konsultazzjonijiet, se tiġi introdotta tikketta tal-kwalità bħala prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni għall-organizzazzjonijiet interessati kollha. Din se jkollha l-għan li tivverifika l-konformità tagħhom mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà.

F'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni Ewropea se tistinka biex ittejjeb il-**faċilità għall-utent** u biex **tnaqqas il-piż amministrattiv** tal-proċess ta' reġistrazzjoni u ta' applikazzjoni kemm għaż-żgħażagħ kif ukoll għall-organizzazzjonijiet. L-iżvilupp tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà diġà huwa pass lejn din id-direzzjoni. Il-Portal u l-għodda tat-tlaqqigħ jipprovdu punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-bżonn li jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali kif jirrakkomandaw ħafna partijiet ikkonċernati, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jiġi ffinanzjat kemm minn riżorsi addizzjonali kif ukoll minn kontribuzzjonijiet minn diversi programmi eżistenti, li huma konformi mal-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u b'hekk jiġu mmassimizzati s-sinerġiji u l-komplimentarjetajiet mal-iskemi eżistenti. Il-partijiet ikkonċernati rrakkomandaw ukoll li ssir distinzjoni ċara bejn attivitajiet ta' volontarjat u okkupazzjonali. Dan se jkun kopert mhux biss permezz tad-definizzjoni tal-attivitajiet li se jingħataw appoġġ, iżda anki b'rabta mal-appoġġ finanzjarju ddedikat għal dawn l-attivitajiet. F'dan ir-rigward, il-proposta leġiżlattiva tintroduċi qasma indikattiva għall-appoġġ finanzjarju għall-kollokamenti u għall-proġetti ta' solidarjetà (80% għall-kollokamenti ta' volontarjat u għall-proġetti ta' solidarjetà minn naħa u 20% għal traineeships u għal impjiegi min-naħa l-oħra), li jenħtieġ li jikkontribwixxu għall-iżgurar tal-kontinwità fl-attivitajiet appoġġjati mill-programmi li jikkontribwixxu għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

F'termini tal-**ambitu ġeografiku**, il-punt tat-tluq għall-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jkun l-Istati Membri tal-UE. Madankollu, ir-Regolament propost jipprevedi l-possibbiltà ta' ftuħ għal pajjiżi oħra fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali ma' dawk il-pajjiżi.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Ma saritx valutazzjoni tal-impatt peress li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà diġà ġie stabbilit mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha f'Diċembru tal-2016. L-objettiv ta' dan ir-Regolament jirrappreżenta segwitu għalih; dan minkejja li, peress li se jkun jinvolvi nfiq sinifikanti, huwa akkumpanjat minn evalwazzjoni *ex ante* biex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti fir-Regolament Finanzjarju.

L-evalwazzjoni *ex ante* eżaminat sfidi fiż-żewġ livelli: fuq naħa hemm l-iffokar fuq iż-żgħażagħ u fuq l-opportunitajiet tagħhom biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, u fuq n-naħa l-oħra hemm il-ħtiġijiet soċjali, istituzzjonali u organizzazzjonali usa'. L-evalwazzjoni *ex ante* indikat il-ħtieġa li l-UE tindirizza l-isfidi ewlenin li ġejjin fil-qafas ta' inizjattiva Ewropea għaż-żgħażagħ fil-qasam tas-solidarjetà:

– hemm bżonn li tingħeleb il-frammentazzjoni u li jiġu pprovduti iktar opportunitajiet biex jitħeġġeġ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà, jiġifieri billi l-esperjenzi ta' volontarjat u okkupazzjonali jinġabru kollha f'qafas wieħed b'approċċ kondiviż tal-kwalità u billi tiġi żviluppata validazzjoni viżibbli u wiesgħa tal-esperjenza ta' tagħlim miksuba, indipendentement mill-kuntest li seħħet fih. Hemm ukoll bżonn li jiġi żgurat aċċess faċli u ugwali permezz ta' proċeduri effiċjenti, filwaqt li jiġu previsti miżuri xierqa biex titħeġġeġ l-inklużjoni taż-żgħażagħ minn sfondi żvantaġġati;

– hemm bżonn li jiġi żgurat li l-kollokamenti u l-attivitajiet offruti minn inizjattiva Ewropea għaż-żgħażagħ fil-qasam tas-solidarjetà jwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà kif ukoll għall-istandards tal-kwalità kondiviżi u għall-fehim komuni tal-kisba tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi li jiġu vvalidati b'mod transfruntier.

L-evalwazzjoni *ex ante* ffokat fuq żewġ għażliet, jiġifieri: 1) li jkompli jiġi implimentat il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà permezz ta' diversi programmi eżistenti kif kien il-każ matul l-ewwel fażi mnedija f'Diċembru tal-2016, meta kien hemm tmien programmi li kienu qed jiffinanzjaw azzjonijiet ta' solidarjetà, kull wieħed permezz tal-bażi ġuridika, tal-objettivi u

tal-baġit tiegħu stess; 2) li tiġi żviluppata inizjattiva awtonoma ġdida b'enfasi ikbar fuq is-solidarjetà, li tibni fuq l-esperjenza bil-programmi eżistenti iżda jkollha s-sett ċar tagħha stess ta' objettivi u tiżgura iktar ċarezza dwar l-iskop u l-kamp ta' applikazzjoni tal-intervent.

Il-possibbiltà li tintuża l-bażi ġuridika ta' wieħed mill-programmi eżistenti twarrbet minħabba l-fatt li dan kien jirriżulta fi programm b'sett kumpless ta' objettivi duplikati u b'viżibilità limitata ta' azzjonijiet ta' solidarjetà f'qafas usa'. Barra minn hekk, approċċ bħal dan kien iwassal għal diżimpenn tal-partijiet ikkonċernati mill-programmi l-oħra.

B'hekk, ġew identifikati, analizzati u tqabblu żewġ għażliet fl-isfond tal-kriterji li ġejjin, li jkunu konformi mas-suġġerimenti tal-partijiet ikkonċernati matul il-konsultazzjonijiet:

– L-aċċessibilità (il-viżibilità u ċ-ċarezza għall-organizzazzjonijiet, għaż-żgħażagħ u għall-partijiet ikkonċernati oħra dwar kif wieħed jipparteċipa u jaċċessa l-finanzjament għal attivitajiet ta' solidarjetà);

– Il-kwalità (il-proċeduri u l-kriterji li jiżguraw il-kwalità u s-sikurezza tal-kollokamenti);

– L-inklużività (miżuri li jiżguraw il-parteċipazzjoni ta' żgħażagħ żvantaġġati);

– Is-sinerġija (l-involviment ta' organizzazzjonijiet attivi f'azzjoni ta' solidarjetà u s-sinerġiji fost dawn l-organizzazzjonijiet irrispettivament mill-ambitu lokali, reġjonali, nazzjonali jew Ewropew tagħhom);

– L-effiċjenza u s-sempliċità tad-dispożizzjonijiet tal-ġestjoni u l-ispejjeż amministrattivi baxxi.

Fuq il-bażi ta' din l-analiżi fuq bosta kriterji, l-għażla 2 (biex tiġi żviluppata inizjattiva awtonoma ġdida b'enfasi msaħħa fuq is-solidarjetà) irriżultat bħala dik li tipprovdi l-aħjar riżultati fl-isfond tal-kriterji kkunsidrati kollha u, għalhekk, inżammet bħala l-għażla ppreferuta. Din l-għażla tipprovdi punt ċar u uniku ta' aċċess għall-organizzazzjonijiet u għaż-żgħażagħ u se tagħmel l-azzjonijiet ta' solidarjetà iktar viżibbli. Din se tinkorpora approċċ aktar inklużiv permezz ta' strateġija ta' inklużjoni speċifika. Se tipprovdi kwalità ġenerali tal-kollokamenti u tat-tħejjija tal-parteċipanti żgħażagħ permezz ta' sensiela ta' proċessi u ta' kriterji kwalitattivi speċifiċi (bħat-tikketta tal-kwalità għall-organizzazzjonijiet, it-taħriġ, l-assigurazzjoni, eċċ.). Se ġġib sinerġiji ġodda bejn l-attivitajiet u r-rikonoxximent tagħhom peress li se jitpoġġew f'qafas komuni wieħed u se tgħin biex jinħolqu netwerks ġodda bejn nies u organizzazzjonijiet b'aspirazzjonijiet komuni ta' solidarjetà. L-għażla 2 se tippermetti wkoll li jitnaqqsu l-ispejjeż tal-ġestjoni filwaqt li jinkisbu effetti akbar (aktar valur għall-flus).

Ġew ikkunsidrati mekkaniżmi ta' twettiq differenti fir-rigward tal-Għażla ppreferuta: ġestjoni diretta, ġestjoni indiretta jew taħlita tat-tnejn. L-analiżi kkonkludiet li din tal-aħħar – taħlita ta' ġestjoni diretta u indiretta – tiżgura l-iktar implimentazzjoni kosteffikaċi biex tintlaħaq il-mira prevista li jiġu mmobilizzati 100 000 żagħżugħ sal-2020. L-evalwazzjoni *ex ante* saħqet ukoll li huwa essenzjali li jiġu pprovduti riżorsi finanzjarji suffiċjenti u konsistenti biex tintlaħaq il-mira prevista.

L-evalwazzjoni *ex ante* enfasizzat ukoll l-impatt soċjali pożittiv mistenni tal-għażla ppreferuta kemm fil-livell individwali (eż. għarfien, ħiliet u kompetenzi mtejba għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom; sens ikbar ta' solidarjetà u ta' ċittadinanza għall-iżvilupp soċjali u ċiviku tagħhom) u fil-livell tas-soċjetà (eż. indirizzat il-ħtiġijiet fil-komunitajiet b'effetti fuq

il-protezzjoni u fuq il-benessri soċjali; appoġġ ikbar lill-organizzazzjonijiet li ħadu impenn favur is-solidarjetà b'effetti pożittivi fuq l-involviment tagħhom u fuq l-opportunitajiet offruti liż-żgħażagħ; kontribuzzjoni għal għanijiet oħra ta' politika bħall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, il-protezzjoni ċivili, l-inklużjoni soċjali, il-koeżjoni, l-iżvilupp reġjonali, il-ħarsien tal-ambjent; l-immaġni mtejba taż-żgħażagħ fuq ċerta midja nazzjonali).

Il-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u tal-kapital soċjali hija marbuta mill-qrib ukoll mat-tkabbir ekonomiku. Aktar parteċipazzjoni u impjegabbiltà taż-żgħażagħ jista' jkollhom konsegwenzi pożittivi għall-impjiegi u għat-tkabbir makroekonomiku. Madankollu, fid-dawl tad-daqs relattivament żgħir tal-intervent propost kif ukoll tal-fatt li l-impatt tiegħu se jinfirex madwar l-Ewropa u mhux se jkun iffokat fuq Stat Membru jew settur wieħed partikolari, ma kienx possibbli li jitkejjel l-impatt reali f'termini ekonomiċi. B'mod simili, ma kienx meqjus rilevanti li ssir analiżi fil-fond tal-impatti ambjentali. L-evalwazzjoni *ex ante* rrikonoxxiet li, l-istess bħal programmi ta' mobilità oħra, fil-prinċipju l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà se jiġġenera domanda ikbar għat-trasport, li min-naħa tagħha tista' potenzjalment twassal għal emissjoni ikbar tal-gassijiet serra. Madankollu, dan l-impatt tqies negliġibbli meta mqabbel mal-flussi ġenerali tal-mobilità fl-Ewropa. Minkejja dan, ta' min jgħid li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jista', bħala effett sekondarju, jaqdi rwol importanti fit-trawwim tas-sensibilizzazzjoni fost iż-żgħażagħ u fil-mobilizzazzjoni tagħhom fir-rigward ta' kwistjonijiet ambjentali, kif diġà kien il-każ matul l-ewwel fażi, li fiha l-programmi differenti li kkontribwew diġà appoġġjaw firxa ta' proġetti li jindirizzaw kwistjonijiet ambjentali.

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-għażla ppreferuta.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta hija kompletament konformi mal-**Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE**[11], li tirrikonoxxi li s-solidarjetà hija wieħed mill-valuri universali li fuqhom hija msejsa l-UE. B'mod partikolari, din il-proposta tqis bis-sħiħ id-drittijiet u l-projbizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 (Projbizzjoni tal-iskjavitù u tax-xogħol forzat), 14 (Id-dritt għall-edukazzjoni), 15 (Il-libertà professjonali u dritt għax-xogħol), 21 (in-nondiskriminazzjoni), 24 (Id-drittijiet tat-tfal), 26 (L-Integrazzjoni tal-persuni b'diżabbiltà), 31 (Kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u xierqa) u 32 (Il-projbizzjoni ta' impjieg ta' tfal u protezzjoni taż-żgħażagħ fuq il-post tax-xogħol) tal-Karta.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Kummissjoni tipproponi l-finanzjament ta' tliet kwarti mill-baġit tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'riallokamenti minn programmi eżistenti. L-ammont li jifdal se jiġi kopert mill-mobilizzazzjoni tal-Marġni Globali għall-Impenji fl-2018 u minn marġini mhux allokati disponibbli fl-2019 u fl-2020.

L-ammont ta' referenza prim taħt l-Intestatura 1a għall-perjodu 2018-2020 huwa ta' EUR 294.2 miljun, li jinkludi r-riallokament taħt l-istess intestaturi mill-programm Erasmus+ (EUR 197.7 miljun) u l-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EUR 10 miljun).

L-allokazzjoni fl-Intestatura 1a se tiġi kkomplimentata minn kontribuzzjonijiet minn programmi f'intestaturi oħra fi ħdan l-allokazzjoni finanzjarja eżistenti tagħhom, f'konformità mal-għan ta' simplifikazzjoni tal-attivitajiet ta' solidarjetà fi programmi u f'fondi differenti

[11] http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/charter/index_en.htm" (2012/C 326/02) (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

tal-UE tal-baġit tal-UE. L-ammont totali propost għall-kontribuzzjoni minn intestaturi oħra huwa ta’ EUR 47.3 miljun u jibbaża fuq il-programmi ta' kontribuzzjoni li ġejjin: il-Fond Soċjali Ewropew (EUR 35 miljun), il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (EUR 6 miljun), il-programm LIFE (EUR 4.5 miljun) u l-Fond Agrikolu Ewroprew għall-Iżvilupp Rurali (EUR 1.8 miljun).

L-impatt baġitarju u finanzjarju dettaljat tal-proposta huwa indikat fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġiżlattiva li takkumpanja l-proposta.

## 5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Il-pjanijiet għall-implimentazzjoni u l-arranġamenti ta’ monitoraġġ, ta’ evalwazzjoni u ta’ rapportar**

F’konformità mal-analiżi mwettqa fil-kuntest tal-evalwazzjoni *ex ante* li takkumpanja din il-proposta, u biex ikunu żgurati implimentazzjoni effiċjenti u effettiva, sinerġiji u biex jitnaqqas il-piż amministrattiv, il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se juża l-arranġamenti eżistenti ta’ ġestjoni u ta’ implimentazzjoni li diġà huma fis-seħħ taħt il-programm Erasmus+. Billi tibni fuq l-esperjenza pożittiva tal-implimentazzjoni ta’ dan il-programm kif ukoll fuq l-istrutturi tiegħu, il-proposta tipprevedi diviżjoni ċara tal-kompiti tal-ġestjoni tal-programm bejn il-Kummissjoni, l-Aġenziji Nazzjonali stabbiliti skont il-Programm Erasmus+ u l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura (EACEA). Mindu twaqqfet fl-2006, l-EACEA rnexxielha timplimenta partijiet mill-programmi Erasmus+, Ewropa Kreattiva, “L-Ewropa għaċ-Ċittadini” u Voluntiera tal-Għajnuna tal-UE (u l-programmi predeċessuri tagħhom) bi standard għoli, kif ikkonfermaw għadd ta’ evalwazzjonijiet esterni indipendenti. Kif jeħtieġ ir-Regolament (KE) Nru 58/2003 li jistabbilixxi l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi[12], saret analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji qabel kwalunkwe delega tal-programmi lill-aġenziji eżekuttivi u din uriet il-kosteffettività tal-użu tal-EACEA għal ċerti kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà. B’mod parallel, il-mudell ta' suċċess tal-Aġenziji Nazzjonali taħt Erasmus+ wera li jrendi u li huwa effiċjenti, u fl-istess ħin jiggarantixxi livell għoli ta’ assigurazzjoni u ġestjoni finanzjarja tajba.

L-arranġamenti ta’ monitoraġġ u ta’ evalwazzjoni tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se jikkonsistu f’monitoraġġ permanenti għall-valutazzjoni tal-progress u evalwazzjoni għall-valutazzjoni tal-evidenza eżistenti dwar l-effikaċja tar-riżultati miksuba.

L-arranġamenti ta’ monitoraġġ se jkunu bbażati fuq analiżi estensiva tal-outputs kwantitattivi u tal-eżiti kwalitattivi tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà. L-outputs kwantitattivi se jinġabru b’mod sistematiku permezz tas-sistemi informatiċi implimentati għall-ġestjoni tal-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà. L-eżiti kwalitattivi se jiġu ssorveljati permezz ta’ stħarriġ perjodiku mmirat kemm lejn individwi kif ukoll lejn organizzazzjonijiet parteċipanti. L-arranġamenti ta’ rapportar u ta’ valutazzjoni mill-korpi ta’ implimentazzjoni kollha jiżguraw monitoraġġ komprensiv tal-implimentazzjoni tal-proposta.

Fl-2020, il-Kummissjoni se tippubblika rapport li jagħti rendikont tal-progress li sar biex tinkiseb il-mira li jiġu offruti opportunitajiet għal 100 000 żagħżugħ skont il-Korp Ewropew

[12] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 58/2003 tad-19 ta’ Diċembru 2002 li jfassal l-istatut għall-aġenziji eżekuttivi li jridu jiġu fdati b’ċerti kompiti fit-tmexxija tal-programmi tal-Komunità, ĠU L 011, 16.01.2003, p.1.

ta' Solidarjetà. Il-proposta se tkun soġġetta wkoll għal evalwazzjoni indipendenti erba' snin wara d-data tal-applikazzjoni tagħha biex jiġu vvalutati l-eżiti kwalitattivi tal-azzjonijiet appoġġjati, inkluż l-impatt tagħhom fuq iż-żgħażagħ u fuq l-organizzazzjonijiet. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tqis l-evidenza eżistenti dwar l-effikaċja u l-impatt tar-riżultati tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Is-sorsi tal-verifika se jinkludu d-dejta tal-monitoraġġ, l-informazzjoni inkluża fil-pjanijiet ta' ħidma u r-rapporti mill-korpi ta' implimentazzjoni, ir-riżultati miksuba mid-disseminazzjoni, l-istudji bbażati fuq l-evidenza, l-istħarriġ, eċċ.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-*Kapitolu I – Dispożizzjonijiet ġenerali* tar-Regolament propost jistabbilixxi s-suġġett, id-definizzjonijiet ta' ċerti termini rikorrenti, l-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll il-koerenza u l-komplementarjetà tal-azzjoni tal-Unjoni. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu l-għan li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà ta' kwalità għolja, u aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, bħala mezz biex jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fl-Ewropa, jappoġġaw il-komunitajiet u jwieġbu għall-isfidi tas-soċjetà.

Il-*Kapitolu II – Azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà* jipprovdi deskrizzjoni tal-attivitajiet previsti għall-kisba tal-objettivi tar-Regolament propost. Il-miżuri ta' appoġġ tal-Unjoni jinkludu kollokamenti ta' solidarjetà, proġetti u attivitajiet ta' netwerking minn naħa u miżuri tal-kwalità u ta' appoġġ min-naħa l-oħra.

Il-*Kapitolu III – Dispożizzjonijiet finanzjarji* jistabbilixxi l-pakkett baġitarju tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-perjodu 2018-2020 u l-forom previsti ta' finanzjament mill-Unjoni. L-ammont ta' referenza prim jinkludi riallokamenti mill-programm Erasmus+ (EUR 197.7 miljun) u mill-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EUR 10 miljun) kif ukoll riżorsi addizzjonali għas-snin finanzjarji 2018, 2019 u 2020. Il-pakkett finanzjarju huwa komplementat minn kontribuzzjonijiet minn intestaturi differenti u minn diversi programmi tal-UE.

Il-*Kapitolu IV – Parteċipazzjoni fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà* jispeċifika l-kriterji għall-pajjiżi, għall-individwi u għall-organizzazzjonijiet parteċipanti. Il-pajjiżi parteċipanti huma l-Istati Membri tal-UE u possibilment pajjiżi oħra fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali. Iż-żgħażagħ ta' bejn is-17 u t-30 sena jistgħu jirreġistraw fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà filwaqt li l-parteċipazzjoni tista' tibda biss meta jkollhom bejn it-18 u t-30 sena. Organizzazzjoni parteċipanti li tista' tagħmel offerti għal kollokamenti jew għal attivitajiet ta' solidarjetà lill-individwi rreġistrati hija kwalunkwe entità pubblika jew privata, jew organizzazzjoni internazzjonali li twettaq attivitajiet ta' solidarjetà fil-pajjiżi parteċipanti, dment li dawn ikunu rċevew tikketta tal-kwalità li tiċċertifika l-aderenza tagħhom għar-rekwiżiti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-*Kapitolu V – Il-prestazzjoni, ir-riżultati u t-tixrid* jinkludi dispożizzjonijiet għall-Kummissjoni u għall-pajjiżi parteċipanti biex jiżguraw monitoraġġ, rapportar u evalwazzjoni regolari tal-prestazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll biex jiżguraw id-disseminazzjoni ta' informazzjoni, il-pubbliċità u s-segwitu fir-rigward tal-azzjonijiet kollha appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-*Kapitolu VI – Sistema ta' ġestjoni u ta' awditjar* tipprevedi l-korpi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. F'termini ta' ġestjoni, il-modalità proposta għall-implimentazzjoni hija taħlita ta' ġestjoni indiretta (permezz ta' aġenziji nazzjonali fil-livell

nazzjonali) u ġestjoni diretta (permezz tal-Kummissjoni fil-livell tal-Unjoni, inkluż l-użu ta' aġenzija eżekuttiva fuq il-bażi ta' analiżi tal-ispejjeż imqabbla mal-benefiċċji). It-taħlita tal-modalitajiet ta' ġestjoni hija bbażata fuq l-esperjenza pożittiva tal-implimentazzjoni tal-programm Erasmus+ u tibni fuq l-istrutturi eżistenti ta' dak il-programm. Il-proposta tipprevedi li l-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet taż-Żgħażagħ skont Erasmus+ jaġixxu wkoll bħala awtoritajiet nazzjonali u aġenziji nazzjonali skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-pajjiżi parteċipanti rilevanti. Għal pajjiżi fejn ma jkunx hemm maħtura awtorità nazzjonali u aġenzija nazzjonali, dawn għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1288/2013. L-aġenziji nazzjonali se jkunu inkarigati mill-parti ewlenija tal-fondi u se joperaw abbażi ta' ftehim ta' delega. Barra minn hekk, għal ċerti kompiti relatati mal-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni se tuża l-Aġenzija Eżekuttiva għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni se twettaq kompiti li jimplikaw għażliet ta' politika, b'mod partikolari tistabbilixxi objettivi u prijoritajiet, tadotta programmi ta' ħidma (inklużi deċiżjonijiet ta' finanzjament), tirrappreżenta lill-Kummissjoni fil-kumitat tal-programm, eċċ. L-aġenzija eżekuttiva se tkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-kompiti, bħat-tnedija u l-konsultazzjoni ta' proċeduri ta' għotja u tal-akkwist, il-monitoraġġ tal-proġetti, il-kontroll finanzjarju u l-kontabilità, il-kontribuzzjoni għall-evalwazzjoni tal-programmi u diversi kompiti ta' appoġġ.

Il-*Kapitolu VII – Sistema ta' kontroll* jipprevedi l-ħtieġa ta' sistema superviżorja mfassla biex tiżgura li l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni tkun meqjusa kif xieraq meta jiġu implimentati l-azzjonijiet iffinanzjati mir-Regolament dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-*Kapitolu VIII – Dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni* jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet neċessarji għall-għoti ta' ċerti setgħat lill-Kummissjoni biex tadotta programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Fir-rigward tal-Kumitat meħtieġ skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011[13] biex jassisti lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni, il-proposta taħtar lill-Kumitat imwaqqaf mill-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 li jistabbilixxi l-Programm Erasmus+. Il-Kumitat ikun qed jaħdem f'konfigurazzjonijiet differenti (Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà) bil-possibbiltà li l-Istati Membri jaħtru d-delegati tagħhom għal konfigurazzjonijiet differenti.

Il-*Kapitolu IX – Emendi u dispożizzjonijiet finali* jipprovdi l-emendi neċessarji għall-atti bażiċi ta' dawk il-programmi li jidderieġu mill-ġdid il-fondi mill-pakketti finanzjarji 2014-2020 rispettivi tagħhom għall-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Id-dispożizzjonijiet finali jistabbilixxu d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament propost li għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha mill-1 ta' Jannar 2018.

[13] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

2017/0102 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi l-qafas legali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1288/2013, (UE) Nru 1293/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1305/2013, (UE) Nru 1306/2013 u d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165(4) u 166(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li ntbagħat l-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[14],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[15],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva[16],

Billi:

(1) L-Unjoni Ewropea hija mibnija fuq is-solidarjetà, fost iċ-ċittadini tagħha u fost l-Istati Membri tagħha. Dan il-valur komuni jiggwida l-azzjonijiet tagħha u jipprovdi l-unità neċessarja biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali u tal-ġejjieni tas-soċjetà, li ż-żgħażagħ Ewropej huma lesti li jgħinu jindirizzaw billi jesprimu s-solidarjetà tagħhom fil-prattika.

(2) Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-14 ta' Settembru 2016[17] saħaq dwar il-bżonn li ninvestu fiż-żgħażagħ u ħabbar l-istabbiliment ta' Korp Ewropew ta' Solidarjetà bl-għan li jinħolqu opportunitajiet għaż-żgħażagħ madwar l-Unjoni biex dawn jagħtu kontribut sinifikanti lis-soċjetà, juru solidarjetà u jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom, u b'hekk mhux biss jiksbu esperjenza ta' xogħol iżda wkoll esperjenza umana imprezzabbli.

[14] ĠU C […], […], p.[…].
[15] ĠU C […], […], p. […].
[16] Il-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' ... (għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali).
[17] *The State of the Union 2016: Towards a Better Europe – A Europe that Protects, Empowers and Defends*, IP/16/3042 (http://europa.eu/rapid/press-release_IP-16-3042_en.htm).

(3) Fil-Komunikazzjoni tagħha "Korp Ewropew ta' Solidarjetà" tas-7 ta' Diċembru 2016[18], il-Kummissjoni saħqet dwar il-bżonn li jissaħħu l-pedamenti għal ħidma ta' solidarjetà madwar l-Ewropa, biex iż-żgħażagħ jiġu pprovduti b'iktar opportunitajiet u ta' kwalità aħjar għall-attivitajiet ta' solidarjetà li jkopru firxa wiesgħa ta' oqsma, u biex jingħata appoġġ lill-atturi nazzjonali u lokali, fl-isforzi tagħhom biex jindirizzaw sfidi u kriżijiet differenti. Il-Komunikazzjoni nediet l-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li fiha ġew immobilizzati tmien programmi differenti tal-Unjoni biex joffru opportunitajiet ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi liż-żgħażagħ tal-UE. Dawn l-attivitajiet, kemm jekk implimentati qabel jew inkella wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jkomplu japplikaw ir-regoli u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-programmi rispettivi tal-Unjoni li ffinanzjawhom fl-ewwel fażi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(4) Jenħtieġ li ż-żgħażagħ jiġu pprovduti b'opportunitajiet li jkunu faċilment aċċessibbli biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà, li jistgħu jippermettulhom jesprimu l-impenn tagħhom għall-benefiċċju tal-komunitajiet filwaqt li jiksbu esperjenza, ħiliet u kompetenzi siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom, u b'hekk itejbu l-impjegabbiltà tagħhom. Dawk l-attivitajiet jappoġġjaw ukoll il-mobilità tal-voluntiera, tal-persuni f'taħriġ u tal-ħaddiema żgħażagħ.

(5) L-attivitajiet ta' solidarjetà offruti liż-żgħażagħ jenħtieġ li jkunu ta' kwalità għolja, fis-sens li jenħtieġ li jwieġbu għall-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-komunitajiet, joffru liż-żgħażagħ l-opportunità li jiksbu għarfien u kompetenzi siewja, ikunu finanzjarjament aċċessibbli għaż-żgħażagħ, u jiġu implimentati f'kundizzjonijiet sikuri u tajbin.

(6) Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jipprovdi punt ta' dħul uniku għall-attivitajiet ta' solidarjetà fi ħdan l-Unjoni. Jenħtieġ li jiġu żgurati l-konsistenza u l-komplementarjetà ta' dak il-qafas ma' politiki u ma' programmi rilevanti oħra tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jibni fuq il-vantaġġi u fuq is-sinerġiji tal-programmi eżistenti, b'mod partikolari s-Servizz Volontarju Ewropew. Jenħtieġ li jikkomplimenta wkoll l-isforzi magħmula mill-Istati Membri biex jappoġġjaw liż-żgħażagħ u biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-iskola għax-xogħol skont il-Garanzija għaż-Żgħażagħ[19] billi jipprovdulhom opportunitajiet addizzjonali biex jidħlu fis-suq tax-xogħol fil-forma ta' traineeships jew ta' impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà fi ħdan l-Istat Membru rispettiv tagħhom jew b'mod transfruntier. Il-komplimentarjetà ma' netwerks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bħan-Netwerk Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, EURES u n-netwerk Eurodesk, jenħtieġ li tiġi żgurata wkoll. Barra minn hekk, għandha tiġi żgurata l-komplementarjetà bejn l-iskemi relatati eżistenti, b'mod partikolari l-iskemi ta' solidarjetà u l-iskemi ta' mobilità nazzjonali għaż-żgħażagħ, u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, permezz ta' elaborazzjoni fuq il-prattiki tajba fejn xieraq.

[18] Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Korp Ewropew ta' Solidarjetà, COM(2016) 942 final tas-7.12.2016.

[19] Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar it-twaqqif ta' Garanzija għaż-Żgħażagħ (2013/C 120/01).

(7) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex programmi oħra tal-Unjoni bħall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini", il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Programm tas-Saħħa jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà billi jappoġġjaw attivitajiet li jaqgħu fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li din il-kontribuzzjoni tiġi ffinanzjata skont l-atti bażiċi rispettivi tal-programmi kkonċernati. Ladarba jkunu kisbu tikketta tal-kwalità valida tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li l-benefiċjarji jingħataw aċċess għall-portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jirċievu miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ ipprovduti skont it-tip ta' attività offruta.

(8) Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiftaħ opportunitajiet ġodda għaż-żgħażagħ biex dawn jidħlu f'kollokamenti ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà kif ukoll biex ifasslu u jiżviluppaw proġetti ta' solidarjetà abbażi tal-inizjattiva tagħhom stess. Jenħtieġ li dawk l-opportunitajiet jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tagħhom. Jenħtieġ ukoll li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġja lill-attivitajiet ta' netwerking għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll il-miżuri li jiżguraw il-kwalità tal-attivitajiet appoġġjati u li jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tat-tagħlim tagħhom.

(9) L-attivitajiet ta' volontarjat jikkostitwixxu esperjenza rikka f'kuntest ta' tagħlim mhux formali u informali li ssaħħaħ l-iżvilupp personali, soċjoedukattiv u professjonali, iċ-ċittadinanza attiva u l-impjegabbiltà taż-żgħażagħ. L-attivitajiet ta' volontarjat ma għandux ikollhom effett negattiv fuq impjiegi bi ħlas potenzjali jew eżistenti, u lanqas ma għandhom jitqiesu bħala sostitut tiegħu. Biex tkun żgurata l-kontinwità fir-rigward tal-attivitajiet ta' volontarjat li huma appoġġjati fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li l-attivitajiet ta' volontarjat skont is-Servizz Volontarju Ewropew u li jaqgħu taħt l-ambitu ġeografiku tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiġu appoġġjati minn dan tal-aħħar fil-forma ta' kollokamenti transfruntiera għall-volontarjat. Jenħtieġ li l-attivitajiet l-oħra ta' volontarjat skont is-Servizz Volontarju Ewropew li ma jaqgħux taħt l-ambitu ġeografiku tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkomplu jiġu appoġġjati mill-Programm stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport[20]. Fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni relatata fil-livell tal-Unjoni, jenħtieġ li kemm il-kollokamenti transfruntiera għall-volontarjat skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll l-attivitajiet ta' volontarjat li se jibqgħu jiġu appoġġjati skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jitqiesu li huma ekwivalenti għal dawk imwettqa skont is-Servizz Volontarju Ewropew.

(10) It-traineeships u l-impjiegi f'oqsma relatati mas-solidarjetà jistgħu joffru opportunitajiet addizzjonali għaż-żgħażagħ biex dawn jidħlu fis-suq tax-xogħol filwaqt li jagħtu l-kontribut tagħhom biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Dan jista' jgħin biex jitrawmu l-impjegabbiltà u l-produttività taż-żgħażagħ filwaqt li tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tagħhom mill-edukazzjoni għall-impjiegi, li hija

[20] Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi 'Erasmus+': il-Programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni, taħriġ, żgħażagħ u sport u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 1719/2006/KE, Nru 1720/2006/KE u Nru 1298/2008/KE, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 50.

importanti biex jissaħħu l-possibbiltajiet tagħhom fis-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li l-kollokamenti ta' traineeships offruti taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiġu remunerati mill-organizzazzjoni parteċipanti u jsegwu l-prinċipji tal-kwalità spjegati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships tal-10 ta' Marzu 2014[21]. Jenħtieġ li t-traineeships u l-impjiegi offruti jservu ta' pass 'il quddiem li permezz tiegħu ż-żgħażagħ jidħlu fis-suq tax-xogħol u, għalhekk, jenħtieġ li dawn jiġu akkumpanjati minn appoġġ adegwat wara l-kollokament. Il-kollokamenti fi traineeships u f'impjiegi jenħtieġ li jiġu ffaċilitati mill-atturi rilevanti tas-suq tax-xogħol, b'mod partikolari mis-servizzi pubbliċi u privati tal-impjiegi, mis-sħab soċjali u mill-Kamra tal-Kummerċ. Bħala organizzazzjonijiet parteċipanti, jenħtieġ li dawn ikunu jistgħu japplikaw għal finanzjament permezz tal-istruttura ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fid-dawl tal-intermedjazzjoni bejn il-parteċipanti żgħażagħ u l-impjegaturi li joffru kollokamenti fi traineeships u f'impjiegi fis-setturi tas-solidarjetà.

(11) L-ispirtu ta' inizjattiva taż-żgħażagħ huwa assi importanti għas-soċjetà u għas-suq tax-xogħol. Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxi għat-trawwim ta' dan l-aspett billi joffri l-opportunità liż-żgħażagħ li jfasslu u jimplimentaw il-proġetti tagħhom stess immirati biex jindirizzaw sfidi speċifiċi għall-benefiċċju tal-komunitajiet lokali. Jenħtieġ li dawk il-proġetti jkunu opportunità biex jiġu ppruvati ideat u biex iż-żgħażagħ jiġu appoġġjati biex ikunu huma stess dawk li jixprunaw l-attivitajiet ta' solidarjetà. Dawn jistgħu jservu wkoll bħala punt tat-tluq għall-involviment ulterjuri f'attivitajiet ta' solidarjetà u jistgħu jkunu l-ewwel pass biex il-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jitħeġġu jinvolvu ruħhom f'impjieg indipendenti jew fit-twaqqif ta' assoċjazzjonijiet, ta' NGOs jew ta' korpi oħra attivi fis-setturi tas-solidarjetà u dawk mingħajr skop ta' qligħ kif ukoll dawk taż-żgħażagħ.

(12) Jenħtieġ li ż-żgħażagħ u l-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappartjenu għal komunità ta' individwi u ta' entitajiet li ħadu impenn li jsaħħu s-solidarjetà madwar l-Ewropa. Fl-istess ħin, l-organizzazzjonijiet parteċipanti jeħtieġu l-appoġġ biex isaħħu l-kapaċitajiet tagħhom biex joffru kollokamenti ta' kwalità tajba għal għadd dejjem jiżdied ta' parteċipanti. Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jappoġġja l-attivitajiet ta' netwerking bl-għan li jissaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet parteċipanti f'din il-komunità, fit-trawwim ta' spirtu tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll li jitħeġġeġ l-iskambju ta' prattiki u ta' esperjenza siewja. Jenħtieġ li dawk l-attivitajiet jikkontribwixxu għas-sensibilizzazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost l-atturi pubbliċi u privati kif ukoll għall-ġbir ta' feedback mingħand il-parteċipanti u mingħand l-organizzazzjonijiet parteċipanti dwar l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(13) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-iżgurar tal-kwalità tal-kollokamenti u ta' opportunitajiet oħra offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, b'mod partikolari billi jiġu offruti taħriġ, appoġġ lingwistiku, assigurazzjoni, appoġġ amministrattiv u ta' wara l-kollokament lill-parteċipanti kif ukoll il-validazzjoni tal-għarfien, tal-ħiliet u tal-kompetenzi miksuba permezz tal-esperjenza tagħhom fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

21 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2014 dwar Qafas tal-Kwalita għat-Traineeships, ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1.

(14) Biex jiġi żgurat l-impatt tal-kollokamenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fuq l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tal-parteċipanti, jenħtieġ li l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi li huma l-eżiti tat-tagħlim tal-kollokament jiġu identifikati u ddokumentati kif xieraq, f'konformità maċ-ċirkustanzi u mal-ispeċifiċitajiet nazzjonali, kif irrakkomandat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali[22].

(15) Jenħtieġ li tiddaħħal fis-seħħ tikketta tal-kwalità li tiżgura l-konformità tal-organizzazzjonijiet parteċipanti mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fir-rigward tad-drittijiet u tar-responsabbiltajiet tagħhom matul l-istadji kollha tal-esperjenza ta' solidarjetà. Jenħtieġ li l-kisba ta' tikketta tal-kwalità tkun prekundizzjoni għall-parteċipazzjoni iżda jenħtieġ li din ma twassalx b'mod awtomatiku għal finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(16) Jenħtieġ li ċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jassisti lill-korpi ta' implimentazzjoni, lill-organizzazzjonijiet parteċipanti u liż-żgħażagħ li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex tiżdied il-kwalità tal-implimentazzjoni u tal-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll tissaħħaħ l-identifikazzjoni u l-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz ta' dawn l-attivitajiet.

(17) Jenħtieġ li Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jiġi żviluppat b'mod kontinwu biex jiġi żgurat aċċess faċli għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u jiġi pprovdut punt uniku ta' kuntatt kemm għall-individwi kif ukoll għall-organizzazzjonijiet interessati fir-rigward, fost l-oħrajn, tar-reġistrazzjoni, tal-identifikazzjoni u tat-tlaqqigħ tal-profili u tal-opportunitajiet, tal-bini ta' netwerks u tal-iskambji virtwali, tat-taħriġ online, tal-appoġġ lingwistiku u ta' wara l-kollokament kif ukoll ta' funzjonalitajiet siewja oħra, li jistgħu jinħolqu fil-futur.

(18) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu 2018-2020 li għandu jikkostitwixxi l-ammont ta' referenza ewlieni, fit-tifsira tal-Punt 17 tal-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, kooperazzjoni f'materji baġitarji u ġestjoni finanzjarja tajba[23], għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill matul il-proċedura baġitarja annwali. L-ammont ta' referenza prim jinkludi riallokamenti mill-programm Erasmus+ (EUR 197.7 miljun) u mill-programm għall-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali (EUR 10 miljun) għas-snin finanzjarji 2018, 2019 u 2020, u huwa kkomplimentat mill-kontribuzzjonijiet ta' diversi programmi tal-Unjoni taħt intestaturi differenti, bħall-Fond Soċjali Ewropew, il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, il-programm LIFE u l-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali.

(19) Biex tiġi żgurata l-kontinwità fl-attivitajiet appoġġjati mill-programmi li jikkontribwixxu għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-appoġġ finanzjarju għall-kollokamenti u għall-proġetti ta' solidarjetà jenħtieġ li jsegwu qsim indikattiv ta' 80%-20% bejn il-kollokamenti ta' volontarjat u l-proġetti ta' solidarjetà fuq naħa u l-kollokamenti fi traineeships u f'impjiegi fuq in-naħa l-oħra.

---

22 Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-validazzjoni tat-tagħlim mhux formali u informali, ĠU C 398, 22.12.2012, p. 1.

23 Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-2 ta' Diċembru 2013 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, ĠU C 373, 20.12.2013, p. 1.

(20) Biex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li jsiru dispożizzjonijiet biex il-pajjiżi parteċipanti jitħallew jagħmlu finanzjament nazzjonali addizzjonali disponibbli f'konformità mar-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(21) Biex jiġu ssimplifikati r-rekwiżiti għall-benefiċjarji, għandhom jintużaw kemm jista' jkun somom f'daqqa, spejjeż għal kull unità jew finanzjament b'rata fissa.

(22) Minbarra għall-Istati Membri, jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali. Jenħtieġ li l-parteċipazzjoni tkun ibbażata, fejn rilevanti, fuq approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom ikunu disponibbli f'konformità mal-proċeduri li jridu jiġu miftiehma mal-pajjiżi kkonċernati.

(23) Jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkun immirat għaż-żgħażagħ ta' bejn it-18 u t-30 sena. Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet offruti mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi rreġistrara minn qabel fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(24) Għandha tingħata attenzjoni speċjali sabiex ikun żgurat li l-attivitajiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jkunu aċċessibbli għaż-żgħażagħ kollha, b'mod partikolari dawk żvantaġġati. Għaldaqstant jeħtieġ li jittieħdu miżuri speċjali biex jiġu promossi l-inklużjoni soċjali, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ żvantaġġati, kif ukoll jiġu meqjusa r-restrizzjonijiet imposti mid-distanza remota tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni u tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej[24]. B'mod simili, jenħtieġ li l-pajjiżi parteċipanti jiimpenjaw ruħhom li jadottaw il-miżuri xierqa kollha biex ineħħu l-ostakli legali u amministrattivi għall-funzjonament xieraq tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Dan jinkludi s-soluzzjoni, fejn possibbli, u mingħajr ħsara għall-*acquis* ta' Schengen u għad-dritt tal-Unjoni dwar id-dħul u r-residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ta' kwistjonijiet amministrattivi li joħolqu diffikultajiet fil-kisba ta' viżi u ta' permessi ta' residenza.

(25) Kwalunkwe entità li lesta tieħu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kemm jekk iffinanzjata mill-baġit tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, minn programm ieħor tal-Unjoni kif ukoll minn sors ta' finanzjament ieħor, jenħtieġ li tirċievi tikketta tal-kwalità dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet xierqa. Jenħtieġ li l-proċess li jwassal għall-attribuzzjoni ta' tikketta tal-kwalità jsir fuq bażi kontinwa mill-istrutturi ta' implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Jenħtieġ li t-tikketta tal-kwalità attribwita terġa' tiġi vvalutata b'mod perjodiku u tista' tiġi revokata jekk, fil-kuntest tal-verifiki li jridu jsiru, il-kundizzjonijiet li wasslu għall-attribuzzjoni tagħha jinstab li ma jibqgħux issodisfati.

(26) Entità li tixtieq tapplika għal finanzjament biex toffri kollokamenti skont il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jenħtieġ li l-ewwel tkun irċeviet tikketta tal-kwalità bħala prekundizzjoni. Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li ma jkunx japplika għal persuni fiżiċi li jfittxu appoġġ finanzjarju f'isem grupp informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-proġetti ta' solidarjetà tagħhom.

---

[24] Individwi minn pajjiż jew territorju extra-Ewropew (OCT) u korpi u istituzzjonijiet pubbliċi u / jew privati kompetenti minn OCT jistgħu jieħdu sehem fil-programmi f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji lil hinn mill-baħar mal-Komunità Ewropea, ĠU L 314, 30.11.2001, p.1.

(27) Il-ġestjoni effikaċi tal-prestazzjoni, inkluż il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni, teħtieġ l-iżvilupp ta' indikaturi speċifiċi, li jitkejlu u jkunu realistiċi li jistgħu jitkejlu maż-żmien u li jirriflettu l-loġika tal-intervenzjoni.

(28) Jenħtieġ li jiġu żgurati sensibilizzazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni xierqa tal-opportunitajiet u tar-riżultati tal-azzjonijiet appoġġjati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell Ewropew, nazzjonali u lokali. Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, ta' pubbliċità u ta' disseminazzjoni jibbażaw fuq il-korpi ta' implimentazzjoni kollha tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż, meta jkun rilevanti, bl-appoġġ tal-partijiet ikkonċernati ewlenin l-oħra.

(29) Sabiex tiġi żgurata effiċjenza akbar fil-komunikazzjoni lill-pubbliku ġenerali u sinerġiji aktar b'saħħithom bejn l-attivitajiet ta' komunikazzjoni mwettqa b'inizjattiva tal-Kummissjoni, ir-riżorsi allokati għall-komunikazzjoni skont dan ir-Regolament għandhom jikkontribwixxu wkoll biex ikopru l-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiki tal-Unjoni bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

(30) Biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effiċjenti u effettiva ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jagħmel użu massimali mill-arranġamenti ta' ġestjoni eżistenti li diġà jinsabu fis-seħħ. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà tiġi fdata f'idejn l-istrutturi eżistenti, jiġifieri il-Kummissjoni, l-Aġenzija Eżekuttiva tagħha għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura, u l-Aġenziji Nazzjonali maħtura biex jimmaniġġjaw l-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

(31) Biex jiġu żgurati implimentazzjoni finanzjarjament soda u monitoraġġ mill-qrib tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-livell nazzjonali, importanti li jintużaw l-Awtoritajiet Nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

(32) Biex jiġu żgurati l-ġestjoni finanzjarja tajba u ċ-ċertezza tad-dritt f'kull pajjiż parteċipanti, jenħtieġ li kull Awtorità Nazzjonali taħtar korp indipendenti tal-awditjar. Meta dan ikun fattibbli, u biex tiġi mmassimizzata l-effiċjenza, il-korp indipendenti tal-awditjar jista' jkun l-istess bħal dak maħtur għall-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

(33) L-interessi finanzjarji tal-Unjoni għandhom jiġu mħarsa permezz ta' miżuri proporzjonati fiċ-ċiklu kollu tal-infiq, inklużi l-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, l-irkupru ta' fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati b'mod ħażin u, fejn ikun xieraq, il-penali,

(34) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji

ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni[25].

(35) F'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni[26], jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta programmi ta' ħidma u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar dan. Jenħtieġ li l-programm ta' ħidma jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni f'konformità mal-objettivi ġenerali u speċifiċi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, mal-kriterji tal-għażla u tal-għoti għall-għotjiet, kif ukoll mal-elementi l-oħra kollha meħtieġa. Jenħtieġ li l-programmi ta' ħidma u kwalunkwe emenda tagħhom jiġu adottati b'atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami.

(36) Ladarba l-għan ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jistabbilixxi l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri imma jista' għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu dawk l-objettivi.

(37) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' effikaċja, jenħtieġ li l-kumitat imwaqqaf skont ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jassisti wkoll lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament. Fir-rigward tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, jenħtieġ li dak il-kumitat jiltaqa' f'konfigurazzjoni speċifika u jenħtieġ li l-mandat tiegħu jiġi allinjat biex jissodisfa dan ir-rwol il-ġdid. Jenħtieġ li jkun f'idejn il-pajjiżi parteċipanti li jaħtru r-rappreżentanti rilevanti għal dawk il-laqgħat, fid-dawl tad-dimensjonijiet ta' volontarjat u okkupazzjonali tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(38) Jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 1288/2013 jiġi emendat biex iqis it-tibdiliet fis-Servizz Volontarju Ewropew li jirriżultaw mill-attivitajiet ta' volontarjat il-ġodda appoġġjati fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

(39) Il-pakkett finanzjarju tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà taħt l-Intestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jibni wkoll fuq il-fondi riallokati mill-programm Erasmus+. Jenħtieġ li dawn il-fondi jiġu primarjament mill-approprjazzjonijiet mmirati għall-finanzjament tal-attivitajiet tas-Servizz Volontarju Ewropew li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-kollokamenti ta' volontarjat appoġġjati skont dan ir-Regolament. Barra minn hekk, jenħtieġ li ċerti approprjazzjonijiet tal-Faċilità ta' Garanzija ta' Self lill-Istudenti, li aktarx li ma jkunux assorbiti mill-Erasmus+ jiġu riallokati bl-għan li jiġi pprovdut kofinanzjament adegwat għall-spejjeż operattivi tal-aġenziji nazzjonali u jiġu allinjati aktar mal-kapaċità ta' assorbiment ta' din l-azzjoni.

---

25 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

26 Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002, ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1.

(40) Jenħtieġ li l-pakkett finanzjarju tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà taħt l-Intestatura 1a tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali jiġi ssupplimentat ukoll minn kontribuzzjonijiet finanzjarji minn programmi u minn intestaturi oħra, li jeħtieġu l-emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1293/2013[27], (UE) Nru 1303/2013[28], (UE) Nru 1305/2013[29], (UE) Nru 1306/2013[30] kif ukoll tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013[31] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(41) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2018. Sabiex tkun tista' ssir applikazzjoni fil-pront tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

27 Ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-istabbiliment ta' Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika (LIFE) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 614/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 185).

28 Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU L 347, 20.12.2013, p.320).

29 Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1698/2005, (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 487).

30 Ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 352/78, (KE) Nru 165/94, (KE) Nru 2799/98, (KE) Nru 814/2000, (KE) Nru 1290/2005 u (KE) Nru 485/2008 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 549).

31 Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# KAPITOLU I
# DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-qafas legali għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li għandu joffri liż-żgħażagħ opportunitajiet biex jinvolvu ruħhom f'attivitajiet ta' solidarjetà.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) *"attività ta' solidarjetà"* tfisser attività mmirata lejn l-indirizzar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà għall-benefiċċju tal-komunità filwaqt li jitrawwem ukoll l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali u professjonali tal-individwu, li jista' jieħu l-forma ta' kollokamenti, ta' proġetti jew ta' attivitajiet ta' netwerking, żviluppati b'rabta ma' oqsma differenti, bħall-edukazzjoni u t-taħriġ, l-impjiegi, l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-intraprenditorija, b'mod partikolari l-intraprenditorija soċjali, iċ-ċittadinanza u l-parteċipazzjoni demokratika, il-ħarsien tal-ambjent u tan-natura, l-azzjoni klimatika, il-prevenzjoni ta' diżastri, it-tħejjija u l-irkupru, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, il-forniment ta' oġġetti tal-ikel u mhux tal-ikel, is-saħħa u l-benessri, il-kreattività u l-kultura, l-edukazzjoni fiżika u l-isport, l-assistenza soċjali u s-servizzi soċjali, l-akkoljenza u l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, il-kooperazzjoni u l-koeżjoni territorjali;

(2) *"parteċipant"* tfisser żagħżugħ li rreġistra fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u li jieħu sehem f'attività ta' solidarjetà li taqa' taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà offruta minn organizzazzjoni parteċipanti;

(3) *"żagħżugħ żvantaġġat"* tfisser individwi li jeħtieġu appoġġ addizzjonali minħabba diżabilità, diffikultajiet edukattivi, ostakli ekonomiċi, differenzi kulturali, problemi tas-saħħa, ostakli soċjali, ostakli ġeografiċi;

(4) *"organizzazzjoni parteċipanti"* tfisser kwalunkwe entità pubblika jew privata li ġiet attribwita t-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, li toffri kollokament lil parteċipant fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew li timplimenta attivitajiet oħra fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

(5) *"kollokament ta' solidarjetà"* tfisser attività ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi f'qasam relatat mas-solidarjetà, li huma organizzati minn organizzazzjoni parteċipanti u li jagħtu kontribut biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà filwaqt li jsaħħu l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali u l-

impjegabbiltà tal-parteċipant fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jwettaqhom, f'pajjiż li mhuwiex il-pajjiż ta' residenza (transfruntiera) jew fil-pajjiż ta' residenza tal-parteċipant (fil-pajjiż);

(6) *"volontarjat"* tfisser servizz volontarju full-time mhux imħallas[32] għal perjodu massimu ta' tnax-il xahar, li jipprovdi liż-żgħażagħ bl-opportunità li jikkontribwixxu fil-ħidma ta' kuljum tal-organizzazzjonijiet attivi f'oqsma relatati mas-solidarjetà, għall-benefiċċju aħħari tal-komunitajiet li fi ħdahom jitwettqu l-attivitajiet, inkluża dimensjoni solida ta' tagħlim u ta' taħriġ biex il-voluntiera żgħażagħ jkunu jistgħu jiksbu ħiliet u kompetenzi, li se jkunu siewja għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali u professjonali tagħhom, u li se jikkontribwixxu wkoll biex itejbu l-impjegabbiltà tagħhom;

(7) *"kollokamenti f'timijiet ta' volontarjat"* tfisser kollokamenti li jippermettu lit-timijiet tal-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà minn pajjiżi parteċipanti differenti jagħmlu volontarjat flimkien għal objettiv komuni, billi jwettqu kompiti manwali jew intellettwali, fuq proġett ta' servizz utli għall-komunità għal perjodu ta' bejn ġimagħtejn u xahrejn;

(8) *"traineeship"* tfisser perjodu ta' prattika ta' xogħol minn xahrejn sa tnax-il xahar, remunerat mill-organizzazzjoni li tospita lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, fuq il-bażi ta' ftehim dwar it-traineeship bil-miktub, li jinkludi komponent ta' tagħlim u ta' taħriġ, u mwettaq biex tinkiseb esperjenza prattika u professjonali bl-għan li titjieb l-impjegabbiltà u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni għal impjieg regolari;

(9) *"impjieg"* tfisser perjodu ta' xogħol minn xahrejn sa tnax-il xahar, remunerat mill-organizzazzjoni parteċipanti li timpjega lill-parteċipant tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, imwettaq f'pajjiż parteċipanti u bbażat fuq kuntratt ta' impjieg f'konformità mal-qafas regolatorju nazzjonali ta' dak il-pajjiż parteċipant;

(10) *"proġett ta' solidarjetà"* tfisser inizjattiva lokali għal perjodu ta' bejn xahrejn u tnax-il xahar, li tkun ippreparata u mwettqa minn gruppi li jkun fihom minn tal-inqas ħames parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, bl-għan li jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin fi ħdan il-komunità lokali tagħhom filwaqt li torbothom ma' perspettiva Ewropea usa';

(11) *"tikketta tal-kwalità"* tfisser ċertifikazzjoni attribwita lil entità pubblika jew privata jew lil organizzazzjoni internazzjonali li tkun lesta li tipprovdi kollokamenti li jaqgħu taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità ma' proċedura mmirata biex tiżgura l-konformità mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

(12) *"Karta tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà"* tfisser id-dokument li jistabbilixxi d-drittijiet u r-responsabbiltajiet rispettivi li l-entitajiet kollha li lesti li jissieħbu fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jridu jaqblu li jaderixxu għalih;

(13) *"Ċentru ta' Riżorsi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà"* tfisser il-funzjonijiet addizzjonali mwettqa minn aġenzija nazzjonali maħtura biex tappoġġja l-iżvilupp u

[32] Bħala prinċipju ġenerali, attività mwettqa kontinwament, 5 ijiem fil-ġimgħa għal 7 ijiem kull jum.

l-implimentazzjoni tal-attivitajiet li jaqgħu taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll l-identifikazzjoni tal-kompetenzi miksuba mill-parteċipanti permezz tal-kollokamenti u tal-proġetti tagħhom;

(14) *"Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà"* tfisser għodda bbażata fuq il-web li tipprovdi servizzi online rilevanti lill-parteċipanti u lill-organizzazzjonijiet parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż billi tipprovdi informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, tirreġistra l-parteċipanti, tfittex parteċipanti għal kollokamenti, tirreklama u tfittex kollokamenti, tfittex sħab potenzjali għall-proġetti, timmaniġġja l-kuntatti u l-offerti għal kollokamenti u għal proġetti, l-attivitajiet ta' taħriġ, ta' komunikazzjoni u ta' netwerking, tinforma u tinnotifika dwar l-opportunitajiet, kif ukoll żviluppi rilevanti oħra relatati mal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

*Artikolu 3*
**L-objettiv ġenerali**

L-objettiv tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà huwa li jsaħħaħ l-involviment taż-żgħażagħ u tal-organizzazzjonijiet f'attivitajiet ta' solidarjetà aċċessibbli u ta' kwalità għolja bħala mezz biex dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fl-Ewropa, jappoġġjaw il-komunitajiet u jwieġbu għall-isfidi tas-soċjetà.

*Artikolu 4*
**L-objettivi speċifiċi**

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jikseb l-objettivi speċifiċi li ġejjin:

(a) li jipprovdi liż-żgħażagħ, bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, opportunitajiet faċilment aċċessibbli għall-involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà filwaqt li jtejjeb il-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali, kif ukoll l-impjegabbiltà tagħhom u jiffaċilita t-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi jappoġġja l-mobilità tal-voluntiera, tal-persuni f'taħriġ u tal-ħaddiema żgħażagħ;

(b) li jiżgura li l-attivitajiet ta' solidarjetà li jiġu offruti lill-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet konkreti mhux issodisfati tas-soċjetà u għat-tisħiħ tal-komunitajiet, ikunu ta' kwalità għolja u jkunu vvalidati kif xieraq.

*Artikolu 5*
**Koerenza u komplementarjetà tal-azzjoni tal-Unjoni**

1. L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom ikunu konsistenti u komplimentari mal-politiki u mal-programmi rilevanti relatati mal-oqsma msemmija fl-Artikolu 2(1) kif ukoll man-netwerks eżistenti fil-livell tal-Unjoni li huma pertinenti għall-attivitajiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

2. Il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jikkooperaw biex jiksbu l-effiċjenza u l-effettività, billi jiżguraw il-koerenza bejn il-programmi u l-iskemi

nazzjonali relatati mas-solidarjetà, mal-edukazzjoni, mat-taħriġ vokazzjonali u maż-żgħażagħ minn naħa u l-azzjonijiet li jaqgħu taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà min-naħa l-oħra. Dawk l-azzjonijiet għandhom jinbnew fuq prattiki tajba u fuq programmi eżistenti rilevanti.

3. Anki programmi oħra tal-Unjoni jistgħu jikkontribwixxu għall-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà billi jappoġġjaw attivitajiet fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Din il-kontribuzzjoni għandha tiġi ffinanzjata skont l-atti bażiċi rispettivi tagħhom.

# KAPITOLU II
# L-AZZJONIJIET TAL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

*Artikolu 6*

**L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jikseb l-objettivi tiegħu permezz tat-tipi ta' azzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kollokamenti ta' solidarjetà, il-proġetti u l-attivitajiet ta' netwerking

(b) il-miżuri tal-kwalità u ta' appoġġ.

*Artikolu 7*

**Kollokamenti ta' solidarjetà, proġetti u attivitajiet ta' netwerking**

1. Din l-Azzjoni għandha tappoġġja:

(a) il-kollokamenti ta' solidarjetà fil-forma ta' volontarjat, traineeships jew impjiegi, inklużi l-kollokamenti transfruntiera individwali u fil-pajjiż kif ukoll il-kollokamenti f'timijiet ta' volontarjat;

(b) il-proġetti ta' solidarjetà fuq l-inizjattiva tal-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;

(c) l-attivitajiet ta' netwerking għal individwi u għal organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

2. Il-kollokamenti ta' volontarjat transfruntiera msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għal dawk imwettqa skont is-Servizz Volontarju Ewropew u r-referenzi għas-Servizz Volontarju Ewropew fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom jinqraw li jirreferu wkoll għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fir-rigward ta' dawk il-kollokamenti.

*Artikolu 8*

**Miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ**

Din l-Azzjoni għandha tappoġġja:

(a) miżuri mmirati biex jiżguraw il-kwalità tal-kollokamenti ta’ solidarjetà, inklużi t-taħriġ, l-appoġġ lingwistiku, l-appoġġ amministrattiv għall-parteċipanti u għall-organizzazzjonijiet parteċipanti, l-assigurazzjoni, l-appoġġ ta' wara l-kollokament kif ukoll l-iżvilupp ta’ ċertifikat li jidentifika u jiddokumenta l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi miksuba matul il-kollokament;

(b) l-iżvilupp u ż-żamma ta’ tikketta tal-kwalità għal entitajiet li lesti jipprovdu kollokamenti għall-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà biex jiżguraw il-konformità mal-prinċipji u mar-rekwiżiti tal-Karta tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà;

(c) l-attivitajiet taċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà biex jappoġġjaw u jżidu l-kwalità tal-implimentazzjoni tal-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà u jsaħħu l-validazzjoni tal-eżiti tagħhom;

(d) l-istabbiliment, iż-żamma u l-aġġornament tal-Portal tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà u tas-servizzi online rilevanti oħra kif ukoll is-sistemi informatiċi neċessarji ta’ appoġġ u għodod ibbażati fuq il-web.

# KAPITOLU III
# DISPOŻIZZJONIJIET FINANZJARJI

*Artikolu 9*
**Baġit**

1. Il-baġit ġenerali disponibbli għall-implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà huwa stabbilit għal EUR 341 500 000 fil-prezzijiet kurrenti, għall-perjodu mill-1 ta’ Jannar 2018 sal-31 ta’ Diċembru 2020.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jinkludi pakkett finanzjarju ta’ EUR 294 200 000[33] fil-prezzijiet kurrenti ssupplimentat mill-kontribuzzjonijiet minn:

   (a) il-Fond Soċjali Ewropew, li jikkontribwixxi EUR 35 000 000 fil-prezzijiet kurrenti;

   (b) il-Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili, li jikkontribwixxi EUR 6 000 000 fil-prezzijiet kurrenti;

   (c) il-programm LIFE, li jikkontribwixxi EUR 4 500 000 fil-prezzijiet kurrenti;

   (d) il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, li jikkontribwixxi EUR 1 800 000 fil-prezzijiet kurrenti.

3. L-appoġġ finanzjarju għall-kollokamenti u għall-proġetti ta’ solidarjetà msemmija fil-paragrafi (a) u (b) tal-Artikolu 7(1) b’mod indikattiv għandu jkun 80% għall-

[33] Dan il-pakkett finanzjarju jikkostitwixxi l-*ammont ta’ referenza prim* skont it-tifsira tal-punt 13 tal-Ftehim Interistituzzjonali (2013/C 373/01) bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba.

kollokamenti ta' volontarjat u għall-proġetti ta' solidarjetà; u 20% għall-kollokamenti fi traineeship u f'impjieg.

4. L-allokazzjoni finanzjarja tista' tkopri wkoll spejjeż li għandhom x'jaqsmu ma' attivitajiet ta' preparazzjoni, monitoraġġ, kontroll, awditjar u evalwazzjoni li huma meħtieġa għall-ġestjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-kisba tal-objettivi tiegħu, b'mod partikolari għal studji, għal laqgħat ta' esperti u għal azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, għal spejjeż marbuta mal-istabbiliment, mal-manutenzjoni u mal-aġġornament tal-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u tas-sistemi informatiċi ta' appoġġ neċessarji, u għall-ispejjeż l-oħrajn kollha relatati mal-assistenza teknika u amministrattiva mġarrba mill-Kummissjoni għall-ġestjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

5. Jekk ikun meħtieġ, l-approprjazzjoni tista' tiddaħħal fil-baġit wara l-2020 biex tkopri spejjeż simili, sabiex tippermetti l-ġestjoni tal-azzjonijiet li jkunu għadhom ma tlestewx sal-31 ta' Diċembru 2020.

6. Pajjiż parteċipanti jista' jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji finanzjament nazzjonali ġestit skont ir-regoli tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u għal dan l-għan jista' juża l-istrutturi deċentralizzati tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà bil-patt li jiżgura l-finanzjament prorata komplementari ta' dawn l-istrutturi.

### *Artikolu 10*
### **Forom ta' finanzjament mill-Unjoni**

1. Il-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jista' jiġi pprovdut f'waħda jew iktar mill-forom stabbiliti fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012, b'mod partikolari għotjiet, akkwist u premji.

2. Il-Kummissjoni tista' timplimenta l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'mod indirett f'konformità mal-Artikolu 58(1)(c) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

# KAPITOLU IV
# IL-PARTEĊIPAZZJONI FIL-KORP EWROPEW TA' SOLIDARJETÀ

### *Artikolu 11*
### **Pajjiżi parteċipanti**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

2. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' pajjiżi oħra fuq il-bażi ta' ftehimiet bilaterali. Il-kooperazzjoni għandha tkun ibbażata, fejn ikun rilevanti, fuq approprjazzjonijiet addizzjonali li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni skont il-proċeduri li jridu jiġu miftiehma ma' dawk il-pajjiżi.

*Artikolu 12*
**Parteċipazzjoni tal-individwi**

1. Żgħażagħ ta' bejn is-17 u t-30 sena li lesti li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandhom jirreġistraw fil-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Madankollu, fil-bidu ta' kollokament jew ta' proġett, żagħżugħ li jkun irreġistrat għandu jkollu tal-inqas 18-il sena u ma jkollux aktar minn 30 sena.

2. Fl-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni u l-pajjiżi parteċipanti għandhom jiżguraw li qed isiru sforzi partikolari għall-promozzjoni tal-inklużjoni soċjali, b'mod partikolari għall-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ żvantaġġati.

*Artikolu 13*
**Organizzazzjonijiet parteċipanti**

1. Il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandu jkun miftuħ għall-parteċipazzjoni ta' entitajiet pubbliċi jew privati, jew organizzazzjonijiet internazzjonali, dment li dawn ikunu rċevew it-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

2. L-applikazzjoni ta' entità eliġibbli biex issir organizzazzjoni parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tiġi vvalutata mill-korp ta' implimentazzjoni kompetenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex ikun żgurat li l-attivitajiet tagħha jaderixxu mar-rekwiżiti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

3. Bħala riżultat tal-valutazzjoni, l-entità tista' tingħata t-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. It-tikketta miksuba għandha terġa' tiġi perjodikament vvalutata u tista' tiġi revokata.

4. Kwalunkwe entità li tkun irċeviet it-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għandha tingħata aċċess għall-Portal tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u għandha titħalla tagħmel offerti għal attivitajiet ta' solidarjetà lill-individwi rreġistrati.

5. It-tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà ma għandhiex twassal b'mod awtomatiku għal finanzjament li jaqa' taħt il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

6. L-attivitajiet ta' solidarjetà u l-miżuri ta' kwalità u ta' appoġġ relatati offruti minn organizzazzjoni parteċipanti jistgħu jirċievu finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew minn programm ieħor tal-Unjoni li jikkontribwixxi b'mod awtonomu għall-objettivi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jew minn sorsi oħra ta' finanzjament li ma jiddependux mill-baġit tal-Unjoni.

*Artikolu 14*
**Aċċess għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà**

Kwalunkwe entità pubblika jew privata stabbilita f'pajjiż parteċipanti kif ukoll organizzazzjonijiet internazzjonali li jwettqu attivitajiet ta' solidarjetà fil-pajjiżi parteċipanti jistgħu japplikaw għall-finanzjament mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 7(1), l-organizzazzjoni parteċipanti għandha tikseb it-tikketta tal-kwalità bħala prekundizzjoni biex tirċievi l-finanzjament mill-Korp

Ewropew ta' Solidarjetà. Fil-każ tal-proġetti ta' solidarjetà msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 7(1), persuni fiżiċi jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament f'isem gruppi informali ta' parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

# KAPITOLU V
# PRESTAZZJONI, RIŻULTATI U DISSEMINAZZJONI

*Artikolu 15*

**Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-prestazzjoni u tar-riżultati**

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti, għandha tissorvelja b'mod regolari l-prestazzjoni tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fil-kisba tal-objettivi tiegħu.

2. Il-progress fl-objettivi speċifiċi għandu jitkejjel billi jintużaw indikaturi, bħal:

(a) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti ta' volontarjat (fil-pajjiż u transfruntiera);

(b) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti fi traineeship (fil-pajjiż u transfruntiera);

(c) l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti f'impjieg (fil-pajjiż u transfruntiera);

(d) l-għadd ta' parteċipanti fi proġetti ta' solidarjetà;

(e) l-għadd ta' organizzazzjonijiet li għandhom tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Tal-inqas sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

3. Fl-2020 il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport li jqis il-progress li jkun sar fil-kisba tar-riżultati tiegħu, inkluża l-mira li jiġu offruti 100 000 opportunità għaż-żgħażagħ mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà sal-2020 (li jkopru l-kollokamenti u l-proġetti kollha msemmija fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 7(1)).

4. Erba' snin wara d-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni indipendenti ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat tar-Reġjuni u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

*Artikolu 16*

**Komunikazzjoni u disseminazzjoni**

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-pajjiżi parteċipanti, għandha tiżgura d-disseminazzjoni tal-informazzjoni, il-pubbliċità u segwitu fir-rigward tal-azzjonijiet kollha appoġġjati fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

2. L-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 20 għandhom jiżviluppaw politika konsistenti fir-rigward tas-sensibilizzazzjoni effettiva kif ukoll tad-disseminazzjoni u tal-isfruttament tar-riżultati tal-attivitajiet appoġġjati skont l-azzjonijiet li huma jiġġestixxu, għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-kompitu ġenerali tad-disseminazzjoni tal-informazzjoni dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, inkluż l-informazzjoni dwar l-azzjonijiet ġestiti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni, u r-riżultati tagħhom, u għandhom jinfurmaw lill-gruppi rilevanti fil-mira dwar l-inizjattivi mwettqa f'pajjiżhom.

3. L-attivitajiet ta' komunikazzjoni għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni bejn il-korpi dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, bil-kundizzjoni li dawn ikunu relatati mal-objettivi ġenerali ta' dan ir-Regolament.

# KAPITOLU VI
# SISTEMA TA' ĠESTJONI U TA' AWDITJAR

*Artikolu 17*

**Korpi ta' implimentazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jiġi implimentat b'mod konsistenti minn:

(a) il-Kummissjoni fil-livell tal-Unjoni;

(b) l-aġenziji nazzjonali fil-livell nazzjonali fil-pajjiżi parteċipanti.

*Artikolu 18*

**Awtorità nazzjonali**

F'kull pajjiż parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 għandhom jaġixxu wkoll bħala awtoritajiet nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Il-paragrafi 1, 3, 5, 8, 9, 11, 12, 13, 14, 15 u 16 tal-Artikolu 27 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà *mutatis mutandis*. Għall-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, meta awtorità nazzjonali ma tkunx identifikata għal dak il-pajjiż, din għandha tinħatar skont il-paragrafi 2 sa 6 u 8 sa 15 tal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

*Artikolu 19*

**Korp tal-awditjar indipendenti**

1. L-awtorità nazzjonali għandha taħtar korp tal-awditjar indipendenti. Il-korp indipendenti tal-awditjar għandu joħroġ opinjoni tal-awditjar dwar id-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni msemmija fl-Artikolu 60(5) tar-Regolament (UE, Euratom) No 966/2012.

2. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu:

(a) ikollu l-kompetenza professjonali meħtieġa biex jagħmel l-awditjar tas-settur pubbliku;

(b) jiżgura li l-awditjar tiegħu ikun iqis l-istandards tal-awditjar aċċettati fil-livell internazzjonali;

(c) ma jkunx f'pożizzjoni ta' kunflitt ta' interess fir-rigward tal-entità ġuridika li tagħmel parti minnha l-aġenzija nazzjonali msemmija fl-Artikolu 20 u jkun indipendenti, f'termini tal-funzjonijiet tiegħu, mill-entità ġuridika li l-aġenzija nazzjonali tagħmel parti minnha.

3. Il-korp tal-awditjar indipendenti għandu jagħti lill-Kummissjoni u lir-rappreżentanti tagħha kif ukoll lill-Qorti tal-Awdituri l-aċċess sħiħ għad-dokumenti u r-rapporti kollha b'appoġġ tal-opinjoni tal-awditjar li joħroġ hu dwar id-dikjarazzjoni annwali tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali.

*Artikolu 20*

**Aġenzija nazzjonali**

1. F'kull pajjiż parteċipanti fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, l-aġenziji nazzjonali maħtura għall-ġestjoni tal-azzjonijiet imsemmija fil-Kapitolu III tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 fil-pajjiżi rispettivi tagħhom għandhom jaġixxu wkoll bħala aġenziji nazzjonali fil-qafas tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Il-paragrafi 1, 2, 5, 6, 7 u 8 tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 għandhom japplikaw għall-Korp Ewropew ta' Solidarjetà *mutatis mutandis*.

2. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 28(3) tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013, l-aġenzija nazzjonali għandha tkun responsabbli wkoll għall-ġestjoni tal-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja tal-proġett ta' dawk l-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà elenkati fl-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 24, f'konformità mal-punti (c) (v) u (vi) tal-Artikolu 58(1) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 u mal-Artikolu 44 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012[34].

3. Għall-pajjiżi msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament, meta aġenzija nazzjonali ma tkunx maħtura għal dak il-pajjiż, din għandha tiġi stabbilita skont il-paragrafi 2, 5, 6, 7 u 8 tal-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

*Artikolu 21*

**Il-Kummissjoni Ewropea**

1. Ir-regoli li japplikaw għar-relazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-aġenzija nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti f'dokument bil-miktub li għandu:

[34] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, ĠU L 362, 31.12.2012, p. 1.

(a) jistipula l-istandards interni ta' kontroll għall-aġenziji nazzjonali u r-regoli għall-ġestjoni tal-fondi tal-Unjoni għall-appoġġ ta' għotja mill-aġenziji nazzjonali;

(b) jinkludi l-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali li jinkludi l-kompiti tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali li għalihom huwa pprovdut l-appoġġ tal-Unjoni;

(c) jispeċifika r-rekwiżiti tar-rapportar għall-aġenzija nazzjonali.

2. Kull sena l-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli għall-aġenzija nazzjonali dawn il-fondi li ġejjin :

(a) fondi għall-appoġġ ta' għotja fil-pajjiż parteċipanti kkonċernat għall-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li l-ġestjoni tagħhom hija fdata f'idejn l-aġenzija nazzjonali;

(b) kontribuzzjoni finanzjarja biex tappoġġa l-kompiti tal-ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali ddefinita skont il-modalitajiet deskritti fil-punt (b) tal-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi r-rekwiżiti għall-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali. Il-Kummissjoni m'għandhiex tqiegħed il-fondi tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għad-dispożizzjoni tal-aġenzija nazzjonali qabel ma tkun approvat b'mod formali l-programm ta' ħidma tal-aġenzija nazzjonali.

4. Fuq il-bażi tar-rekwiżiti ta' konformità għall-aġenziji nazzjonali msemmija fl-Artikolu 27(4) tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina s-sistemi nazzjonali ta' ġestjoni u ta' kontroll, id-dikjarazzjoni ta' ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali u l-opinjoni tal-korp tal-awditjar indipendenti dwar dan, filwaqt li tqis kif xieraq l-informazzjoni pprovduta mill-awtorità nazzjonali dwar l-attivitajiet tagħha ta' monitoraġġ u ta' superviżjoni fir-rigward tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

5. Wara li tivvaluta d-dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni u l-opinjoni dwarha tal-korp tal-awditjar indipendenti, il-Kummissjoni għandha tindirizza l-opinjoni u l-osservazzjonijiet tagħha lill-aġenzija nazzjonali u lill-awtorità nazzjonali.

6. Fil-każ li l-Kummissjoni ma tistax taċċetta d-dikjarazzjoni annwali ta' ġestjoni tal-aġenzija nazzjonali jew l-opinjoni tal-awditjar indipendenti dwarha, jew fil-każ ta' implimentazzjoni mhux sodisfaċenti mill-awtorità nazzjonali tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni tista' timplimenta kull miżura prekawzjonarja jew korrettiva meħtieġa biex tħares l-interessi finanzjarji tal-Unjoni skont l-Artikolu 60(4) tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012.

7. Il-Kummissjoni għandha torganizza laqgħat regolari man-netwerk ta' aġenziji nazzjonali biex tiżgura l-implimentazzjoni koerenti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà fost il-pajjiżi parteċipanti kollha.

# KAPITOLU VII
# SISTEMA TA' KONTROLL

*Artikolu 22*

**Prinċipji tas-sistema tal-kontroll**

1. Il-Kummissjoni għandha tieħu miżuri xierqa li jiżguraw li, meta jkunu implimentati azzjonijiet iffinanzjati skont dan ir-Regolament, l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jkunu mħarsa permezz tal-applikazzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi, il-korruzzjoni u kull attività illegali oħra, permezz ta' kontrolli effettivi u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz tal-irkupru tal-ammonti mħallsa mhux kif dovut u, fejn hu xieraq, permezz ta' pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli għall-kontrolli ta' superviżjoni fir-rigward tal-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà mmexxija mill-aġenziji nazzjonali. Għandha tistipula r-rekwiżiti minimi għall-kontrolli mill-aġenzija nazzjonali u l-korp tal-awditjar indipendenti.

3. L-aġenziji nazzjonali għandhom ikunu responsabbli għall-kontrolli primarji tal-benefiċjarji tal-għotjiet għall-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà li jiġu assenjati lilhom. Dawn il-kontroll għandhom jagħtu assigurazzjoni raġonevoli li l-għotjiet mogħtija jintużaw kif kien intenzjonat u f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni.

4. Fir-rigward tal-fondi ttrasferiti lill-aġenziji nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni xierqa tal-kontrolli tagħha mal-awtoritajiet nazzjonali u l-aġenziji nazzjonali, fuq il-bażi tal-prinċipju ta' awditu uniku u wara li ssir analiżi bbażata fuq ir-riskju. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għall-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF).

*Artikolu 23*

**Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**

1. Il-Kummissjoni jew ir-rappreżentanti tagħha u l-Qorti tal-Awdituri huma b'dan mogħtija s-setgħa li jagħmlu awditjar, fuq il-bażi ta'dokumenti u fuq il-post, fir-rigward tal-benefiċjarji kollha tal-għotja, il-kuntratturi, is-sottokuntratturi u l-partijiet terzi l-oħra li rċevew fondi tal-Unjoni. Huma jistgħu jagħmlu wkoll awditjar u kontrolli fir-rigward tal-aġenziji nazzjonali.

2. L-OLAF jista' jagħmel kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post fuq l-atturi ekonomiċi kkonċernati direttament jew indirettament minn finanzjament bħal dan f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96[35], bil-ħsieb li jiġi stabbilit jekk kienx hemm frodi, korruzzjoni jew kwalunkwe attività

[35] Ir-Regolament tal-Kunsill (EURATOM, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra, ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni b’rabta ma’ ftehim ta’ għotja jew ma’ deċiżjoni ta’ għotja jew kuntratt dwar il-finanzjament mill-Unjoni.

3. Bla ħsara għall-paragrafi 1 u 2, il-ftehimiet ta’ kooperazzjoni ma’ pajjiżi terzi u ma’ organizzazzjonijiet internazzjonali, u ftehimiet ta' għotja, deċiżjonijiet ta' għotja u kuntratti li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, għandhom espressament jintitolaw lill-Kummissjoni, lill-Qorti tal-Awdituri u lill-OLAF biex jagħmlu dan l-awditjar, u jagħmlu l-kontrolli fil-post u l-ispezzjonijiet.

# KAPITOLU VIII
# DISPOŻIZZJONIJIET TA’ IMPLIMENTAZZJONI

*Artikolu 24*

**Implimentazzjoni tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà**

1. Biex timplimenta dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta’ ħidma permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni. Kull programm ta’ ħidma għandu jiżgura li l-objettivi ġenerali u speċifiċi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 jiġu implimentati b’mod konsistenti u għandu jagħti deskrizzjoni tar-riżultati mistennija, tal-metodu tal-implimentazzjoni u tal-ammont totali tagħhom. Il-programmi ta’ ħidma għandhom ukoll jinkludu deskrizzjoni tal-azzjonijiet li jridu jiġu ffinanzjati, indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni, indikazzjoni tad-distribuzzjoni tal-fondi bejn il-pajjiżi parteċipanti għall-azzjonijiet li għandhom jiġu ġestiti mill-aġenziji nazzjonali u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni.

2. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 25(2).

*Artikolu 25*

**Proċedura ta’ kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-kumitat stabbilit bl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

# KAPITOLU IX
# DISPOŻIZZJONIJIET TA’ EMENDA U FINALI

*Artikolu 26*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1288/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-mobbiltà fit-tagħlim tal-individwi għandha tappoġġa:

(a) il-mobbiltà taż-żgħażagħ fl-attivitajiet ta' tagħlim mhux formali u informali bejn il-pajjiżi fil-Programm; din il-mobbiltà tista' tieħu l-għamla ta' skambji u ta' volontarjat taż-żgħażagħ, kif ukoll ta' attivitajiet innovattivi abbażi ta' dispożizzjonijiet eżistenti għall-mobbiltà;

(b) il-mobbiltà ta' persuni attivi fix-xogħol taż-żgħażagħ jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u mexxejja taż-żgħażagħ; din il-mobbiltà tista' tieħu l-forma ta' attivitajiet ta' taħriġ u ta' netwerking.

2. Din l-azzjoni għandha tappoġġa wkoll il-mobbiltà taż-żgħażagħ, inkluż il-volontarjat, kif ukoll il-mobbiltà ta' persuni attivi fil-ħidma fil-qasam taż-żgħażagħ jew organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ u mexxejja taż-żgħażagħ, minn pajjiżi sħab jew lejhom, b'mod partikolari pajjiżi tal-viċinat.

3. L-attivitajiet ta' volontarjat imsemmija fil-paragrafi 1(a) u 2 għandhom jitqiesu li huma ekwivalenti għal dawk imwettqa skont is-Servizz Volontarju Ewropew u r-referenzi għas-Servizz Volontarju Ewropew fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandhom jinqraw li jirreferu wkoll għal dawk l-attivitajiet ta' volontarjat."

2. Fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 1288/2013, il-paragrafi 1, 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm mill-1 ta' Jannar 2014 huwa stabbilit għal EUR 14 576 824 000 fil-prezzijiet attwali.

2. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat għall-azzjonijiet tal-Programm kif ġej, b'marġni ta' flessibbiltà li ma jeċċedix il-5 % ta' kull wieħed mill-ammonti allokati:

(a) tal-inqas 80,7 % lill-edukazzjoni u t-taħriġ, li minnhom se jiġu assenjati l-allokazzjonijiet minimi li ġejjin:

(i) 44,3 % lill-edukazzjoni għolja, li jirrappreżenta 35,7 % tal-baġit totali;

(ii) 21,4 % lill-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, li jirrappreżenta 17,3 % tal-baġit totali;

(iii) 14,6 % lill-edukazzjoni fl-iskejjel, li jirrappreżenta 11,8 % tal-baġit totali;

(iv) 4,9 % lit-tagħlim lill-adulti, li jirrappreżenta 3,9 % tal-baġit totali;

(b) 8,8 % liż-żgħażagħ;

(c) sa 1,5 % lill-Faċilità ta' Garanzija tas-Self lill-Istudenti;

(d) 1,9 % lil Jean Monnet;

(e) 1,8 % lill-isport, li minnhom mhux iktar minn 10 % lill-attività msemmija taħt il-punt (b) tal-Artikolu 17(1);

(f) 3,5 % bħala għotjiet operattivi lil aġenziji nazzjonali;

(g) 1,8 % biex ikopru n-nefqa amministrattiva.

3. Mill-allokazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2, mill-inqas 63 % għandhom jiġu allokati għall-mobbiltà fit-tagħlim għal individwi, mill-inqas 27 % għall-kooperazzjoni għal innovazzjoni u l-iskambju tal-prattiki tajbin u mill-inqas 4,2 % għall-appoġġ għar-riforma tal-politika."

*Artikolu 27*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1293/2013**

Fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013, jiżdied il-paragrafu li ġej:

"3. Massimu ta' EUR 3 000 000 fil-prezzijiet attwali mis-sottoprogramm għall-Ambjent li jikkorrispondi għall-qasam ta' prijorità Governanza u Informazzjoni Ambjentali u ta' EUR 1 500 000 fil-prezzijiet attwali mis-sottoprogramm għall-Azzjoni Klimatika li jikkorrispondi għall-qasam ta' prijorità Governanza Klimatika u Informazzjoni għandhom jiġu allokati għall-finanzjament ta' proġetti skont it-tifsira tal-Artikolu 17(4) implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal wieħed jew aktar mill-oqsma ta' prijorità skont it-tifsira tal-Artikoli 9 u 13. Din l-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1293/2013. "

*Artikolu 28*

**Emendi għar-Regolament (UE) Nru 1303/2013**

Ir-Regolament (UE) Nru 1303/2013 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 58(1) huwa emendat kif ġej:

(a) l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-Fondi ESI jistgħu jappoġġjaw il-miżuri ta' tħejjija, ta' monitoraġġ, ta' amministrazzjoni, ta' għajnuna teknika, ta' evalwazzjoni, ta' awditjar u ta' kontroll neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament u jappoġġaw l-azzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2017/XXX kif imsemmi fit-tielet subparagrafu dment li dawk l-azzjonijiet isegwu l-għan ta' koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali".

(b) Fit-tielet subparagrafu jiżdied il-punt (m) li ġej:

"(m) azzjonijiet iffinanzjati skont ir-Regolament (UE) 2017/XXX dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà biex jissaħħaħ l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali tażżgħażagħ, kif ukoll l-impjegabbiltà tagħhom u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol."

2. Fl-Artikolu 91(3) jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"EUR 35 000 000 fil-prezzijiet attwali mill-ammont allokat lill-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni għandhom jiġu allokati lill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'appoġġ tal-azzjonijiet tiegħu, f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2017/XXX. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-

Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolamenti Speċifiċi għall-Fondi."

*Artikolu 29*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1305/2013**

Fl-Artikolu 51(1) tar-Regolament (KE) Nru 1305/2013, jiżdied is-subparagrafu li ġej taħt l-ewwel subparagrafu:

"Il-FAEŻR jista' jiffinanzja wkoll azzjonijiet implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà b'ammont ta' EUR 1 800 000 fil-prezzijiet kurrenti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribiwxxu għal waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni għall-iżvilupp rurali. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013."

*Artikolu 30*

**Emenda għar-Regolament (UE) Nru 1306/2013**

Fl-Anness 6 tar-Regolament (UE) Nru 1306/2013, jiżdied il-punt (j) li ġej:

"(j) azzjonijiet implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-agrikoltura u tal-iżvilupp rurali u b'mod partikolari l-azzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 51(1) tar-Regolament (UE) Nru 1305/2013. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tar-Regolamenti Speċifiċi għall-Fondi."

*Artikolu 31*

**Emenda għad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE**

Fl-Artikolu 19(1) tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE, jiżdied is-subparagrafu li ġej wara t-tieni subparagrafu:

"EUR 6 000 000 fi prezzijiet attwali mill-pakkett finanzjarju derivat mill-Intestatura 3 "Sigurtà u Ċittadinanza" għandhom jiġu allokati biex jiffinanzjaw azzjonijiet implimentati mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXX, li jikkontribwixxu għal waħda jew aktar mill-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni ċivili. L-allokazzjoni għandha tiġi implimentata biss f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/XXXX għall-esklużjoni tar-rekwiżiti speċifiċi tad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE."

*Artikolu 32*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta’ politika kkonċernat/i

* 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

1.4. Għan(ijiet)

1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

1.6. Tul taż-żmien u impatt finanzjarju

1.7. Metodu/i ta’ ġestjoni ppjanat(i)

## 2. MIŻURI TA’ ĠESTJONI

2.1. Ir-regoli dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar

2.2. Sistema ta’ ġestjoni u kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u irregolaritajiet

## 3. IMPATT FINANZJARJU SMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i:

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Stima tal-impatt fuq l-approprjazzjonijiet ta’ natura amministrattiva*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta’ partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat/i

Titolu 15 Edukazzjoni u Kultura

### 1.3. Natura tal-proposta/inizjattiva

☒ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[36]

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata **mal-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma' **azzjoni diretta mill-ġdid lejn azzjoni ġdida**

### 1.4. Għan(ijiet)

*1.4.1. L-għanijiet strateġiċi pluriennali tal-Kummissjoni fil-mira tal-proposta/tal-inizjattiva*

Edukazzjoni u kultura – Impjiegi u tkabbir

*1.4.2. Għan(ijiet) speċifiku/speċifiċi*

Għan speċifiku Nru 1:

li ż-żgħażagħ jiġu pprovduti bl-appoġġ tal-organizzazzjonijiet parteċipanti, b'opportunitajiet faċilment aċċessibbli għall-involviment f'attivitajiet ta' solidarjetà filwaqt li jiġu mtejba l-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom għall-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali, kif ukoll l-impjegabbiltà tagħhom u tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni fis-suq tax-xogħol, inkluż billi tiġi appoġġjata l-mobilità tal-voluntiera, tal-persuni f'taħriġ u tal-ħaddiema żgħażagħ.

Għan speċifiku Nru 2:

li jiżgura li l-attivitajiet ta' solidarjetà li jiġu offruti lill-parteċipanti tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet konkreti mhux

[36] Kif imsemmi fl-Artikolu 54(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

issodisfati tas-soċjetà u għat-tisħiħ tal-komunitajiet, ikunu ta' kwalità għolja u jkunu vvalidati kif xieraq.

### 1.4.3. *Riżultat(i) mistennija u l-impatt*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/inizjattiva għandu jkollha fuq il-benefiċjarji/gruppi fil-mira.*

Il-proposta mistennija tiġġenera impatti f'livelli differenti:

- fil-livell tal-individwi li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, peress li dawn se jkollhom l-opportunità li jieħdu sehem f'firxa wiesgħa ta' attivitajiet ta' solidarjetà kif ukoll li jissieħbu f'komunità Ewropea flimkien ma' oħrajn li jaħsbuha bħalhom. Dan jippermettilhom li jesprimu s-solidarjetà tagħhom, l-impenn tagħhom u l-motivazzjoni tagħhom biex jagħtu l-kontribut biex jiġu indirizzati l-isfidi ewlenin tas-soċjetà. Fl-istess ħin, se jkollhom l-opportunità li jiksbu esperjenza siewja u jiżviluppaw ħiliet u kompetenzi importanti għall-iżvilupp personali u professjonali tagħhom.

- fil-livell tal-organizzazzjonijiet li jieħdu sehem fil-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-komunitajiet li fihom joperaw il-membri tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, peress li dawn jibbenefikaw mill-appoġġ finanzjarju u/jew ieħor tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà kif ukoll mill-għajnuna minn żgħażagħ motivati biex ilaħħqu aħjar mal-isfidi li jindirizzaw.

- fil-livell tas-soċjetà, peress li l-attivitajiet ta' solidarjetà jindirizzaw ħtiġijiet mhux issodisfati, u għalhekk se jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-kapaċità u tar-reżiljenza ta' komunitajiet vulnerabbli kif ukoll għat-titjib tal-koeżjoni u tas-solidarjetà fil-livell tal-komunitajiet.

### 1.4.4. *Indikaturi tar-riżultati u tal-impatt*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proposta/inizjattiva.*

L-arranġamenti ta' monitoraġġ se jkunu bbażati fuq analiżi estensiva tal-outputs kwantitattivi tal-Programm, permezz ta' sistemi informatiċi apposta, li se jħaffu l-ġbir tal-informazzjoni neċessarja dwar l-attivitajiet u l-proġetti implimentati. L-indikaturi tal-output ewlenin li se jinġabru jinkludu fost l-oħrajn:

- l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti ta' volontarjat (fil-pajjiż u transfruntiera);

- l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti fi traineeship (fil-pajjiż u transfruntiera);

- l-għadd ta' parteċipanti f'kollokamenti f'impjieg (fil-pajjiż u transfruntiera);

- l-għadd ta' parteċipanti fi proġetti ta' solidarjetà;

- l-għadd ta' organizzazzjonijiet li għandhom tikketta tal-kwalità tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

Tal-inqas sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi programm dettaljat għall-monitoraġġ tal-outputs, tar-riżultati u tal-impatti ta' dan ir-Regolament.

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżiti li għandhom jiġu ssodisfati fi żmien qasir jew twil*

L-istabbiliment ta’ Korp ta’ żgħażagħ motivati Ewropej li lesti li jinvolvu ruħhom - f’pajjiżhom jew barra mill-pajjiż - f’attivitajiet ta’ volontarjat, traineeships u impjiegi f’oqsma relatati mas-solidarjetà.

Sal-2020, jiġu offruti opportunitajiet konkreti lil 100 000 żagħżugħ Ewropew.

Li jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet fit-twettiq ta’ attivitajiet ta’ solidarjetà aċċessibbli u ta’ kwalità għolja li huma mistennija jikkontribwixxu għall-indirizzar tal-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, filwaqt li jissaħħaħ l-iżvilupp personali, edukattiv, soċjali, ċiviku u professjonali taż-żgħażagħ.

*1.5.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (jista’ jirriżulta minn fatturi differenti, eż. gwadanji mill-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effikaċja ikbar jew komplimentarjetajiet). Għall-fini ta’ dan il-punt, “il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se jsaħħaħ id-dimensjoni Ewropea għas-solidarjetà. Dan se jikkomplementa l-politiki, il-programmi u l-attivitajiet pubbliċi u privati eżistenti u mhux se jkollu effetti ta’ kompetizzjoni jew ta’ sostituzzjoni. Dan l-effett komplementari se jiġi żgurat peress li l-Korp se jindirizza l-ħtiġijiet mhux issodisfati tas-soċjetà, jiġifieri s-sitwazzjonijiet li fihom il-ħtiġijiet fost il-komunitajiet u ċ-ċittadini – eż. minħabba raġunijiet ta’ nuqqas ta’ riżorsi – mhumiex qed jiġu ssodisfati mis-suq tax-xogħol jew minn programmi ta’ volontarjat eżistenti jew minn tipi oħra ta’ programmi ta’ solidarjetà.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Fir-rigward tad-dimensjoni tal-volontarjat, il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se jibni fuq il-mudell ta' suċċess tas-Servizz Volontarju Ewropew li ta kontribuzzjoni tanġibbli għall-iżvilupp tal-kompetenzi, it-tagħlim il-lingwa, it-trawwim ta’ attitudnijiet internazzjonali u l-promozzjoni tal-valuri Ewropej fost iż-żgħażagħ tul l-aħħar għoxrin sena. Għalkemm il-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se jmur lil hinn mis-Servizz Volontarju Ewropew, billi jappoġġja firxa usa’ ta’ attivitajiet u jintroduċi simplifikazzjonijiet amministrattivi, dan se jippreserva u jkompli jsaħħaħ il-qafas kwalitattiv (it-taħriġ, l-assigurazzjoni, il-mentoraġġ u l-appoġġ lingwistiku, id-dimensjoni tat-tagħlim għall-parteċipanti żgħażagħ) żviluppat taħt l-iskema tas-Servizz Volontarju Ewropew.

*1.5.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma’ strumenti xierqa oħra*

L-azzjonijiet tal-Korp Ewropew ta’ Solidarjetà se jkunu konsistenti u komplementarji ma’ firxa ta’ politiki u ta’ programmi rilevanti tal-UE, bħal dawk relatati mal-edukazzjoni u mat-taħriġ, mal-impjiegi, mal-ugwaljanza bejn is-sessi, mal-intraprenditorija, b’mod partikolari mal-intraprenditorija soċjali, maċ-ċittadinanza u mal-parteċipazzjoni demokratika, mal-ħarsien tal-ambjent u tan-natura, mal-azzjoni klimatika, mal-prevenzjoni ta’ diżastri, mat-tħejjija u mal-irkupru, mal-agrikoltura u

